VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,985, 30 ta' April, 2018
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XIII tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta; biex jippromwovi u jipproteġi d-dritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f'riskju li jiġu esposti għal vjolenza domestika li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata; biex jirrevoka l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap. 481) u l-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Kap. 532) u biex jagħmel emendi konsegwenzjali f'għadd ta' liġijiet varji.

ACT No. XIII of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provisions for the substantive articles of the Council of Europe Convention on prevention and combating of violence against women and domestic violence to become, and be, enforceable as part of the Laws of Malta; to promote and protect the right of everyone, and particularly of persons who are at risk of domestic violence to live free from violence in both the public and private sphere; to repeal the Domestic Violence Act (Cap. 481) and the Council of Europe Convention on Prevention and Combating of Violence against Women and Domestic Violence (Ratification) Act (Cap. 532) and to make consequential and other amendments to various other laws.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

30 ta' April, 2018

ATT Nru XIII tal-2018

ATT biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu esegwibbli bħala parti mil-Liġijiet ta' Malta; biex jippromwovi u jipproteġi d-dritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f'riskju li jiġu esposti għal vjolenza domestika li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata; biex jirrevoka l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap. 481) u l-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Kap. 532) u biex jagħmel emendi konsegwenzjali f'għadd ta' liġijiet varji.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1 - 5
Taqsima II	Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika	6 - 18
Taqsima III	Aġenzija Msemmija	19 - 23
Skeda	Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika	
Taqsima IV	Emendi konsegwenzjali	24 - 34

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2018 dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu stabbiliti għal għanijiet differenti jew dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"familja jew unità domestika" tinkludi:

(a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati;

(b) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu miegħu fi żmien tliet snin qabel l-okkorenza tar-reat;

(ċ) persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie xolt jew dikjarat null;

(d) axxendent jew dixxendent;

(e) adulti oħrajn li jgħixu fl-istess dar;

(f) persuni f'relazzjoni informali, li huma jew li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin;

(g) persuni li huma jew kienu formalment jew informalment għarajjes lil xulxin bil-għan li jidħlu fi żwieġ jew unjoni ċivili;

(h) persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm jew miż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament;

(i) persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni;

"ġeneru" tfisser l-irwoli, aspettativi, attivitajiet, imġiba u attributi mibnija soċjalment li s-soċjetà fi kwalunkwe żmien tassoċja ma' persuna bħala maskili, femminili, jew kwalunkwe identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru, u, jew karatteristiċi tas-sess oħrajn;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni stabbilita bl-artikolu 6;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, konkluża f'Istanbul fil-11 ta' Mejju, 2011;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza;

"vittma" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li hi soġġetta għal forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att u l-membri tal-familja ta' kwalunkwe persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn tali vjolenza u li jkunu sofrew ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna kif ukoll minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att;

"vjolenza abbażi tal-ġeneru" tfisser kull att jew ommissjoni diretta kontra persuna minħabba l-ġeneru tagħha li jirriżulta, jew li aktarx jirriżulta, fi ħsara jew tbatija fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika, inkluż theddid ta' tali atti, sfurzar jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-ħajja pubblika kif ukoll dik privata;

"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.

Skop.

3. (1) Dan l-Att għandu japplika għall-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-iskop tal-Konvenzjoni.

(2) Dan l-Att għandu japplika fi żminijiet ta' paċi u f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat.

Non-diskriminazzjoni.

4. (1) L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'mod partikolari miżuri biex jipproteġu d-drittijiet tal-vittmi, għandha tkun assigurata mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe karatteristika bħal età; assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali; twemmin, kredu jew reliġjon; kulur, oriġini etnika u, jew razza; diżabilità; responsabilitajiet familjari u, jew tqala; familja u, jew stat ċivili; espressjoni tal-ġeneru u, jew identità tal-ġeneru; fatturi ġenetiċi; stat ta' saħħa; lingwa; stat ta' immigrant jew refuġjat; oriġini nazzjonali jew soċjali; opinjoni politika jew opinjoni oħra; proprjetà; sess jew karatteristiċi tas-sess; orjentazzjoni sesswali jew kwalunkwe stat ieħor.

(2) Miżuri speċjali li jitqiesu bħala neċessarji sabiex jipprevjenu u jipproteġu persuni li huma partikolarment vulnerabbli

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-vjolenza minħabba l-ġeneru tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala diskriminazzjoni skont it-termini ta' dan l-Att.

Obbligi tal-Istat u d-diliġenza dovuta.

5. (1) L-amministrazzjoni pubblika m'għandhiex tkun involuta fi kwalunkwe att ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jew il-vjolenza domestika u għandha tassigura li l-istituzzjonijiet tal-Gvern u kwalunkwe persuni oħrajn li jaġixxu f'isem l-amministrazzjoni pubblika jaġixxu f'konformità ma' dan l-obbligu.

(2) Huwa d-dmir tal-amministrazzjoni pubblika li:

(a) taddotta, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, Pjan ta' Azzjoni li jinkludi politiki effettivi, miżurabbli, komprensivi u koordinati li jinkludu l-miżuri relevanti kollha biex jipprevjenu u jikkumbattu kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, flimkien mal-Kummissjoni;

(b) tassigura l-implimentazzjoni tal-imsemmi Pjan ta' Azzjoni permezz ta' kooperazzjoni effettiva bejn il-Ministeri, Kummissjonijiet, aġenziji, awtoritajiet, istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, soċjetà ċivili u korpi relevanti oħrajn;

(ċ) talloka riżorsi umani u finanzjarji xierqa għall-implimentazzjoni adegwata ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni sabiex jipprevjeni u jikkumbatti kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, inklużi dawk l-azzjoniijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet non-governattivi, aġenziji u s-soċjetà ċivili;

(d) tirrevedi l-Pjan ta' Azzjoni perjodikament u għall-inqas darba kull tliet snin flimkien mal-Kummissjoni; u

(e) tippubblika rapport, għall-inqas darba kull tliet snin, li jiddettalja l-progress u l-istatus tal-Pjan ta' Azzjoni.

Taqsima II
Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika

Twaqqif tal-Kummissjoni.

6. (1) Għandu jkun hemm Kummissjoni li tissejjaħ il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika li għandha tkun korp ta' koordinazzjoni bil-għan li toffri rispons ħolistiku għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika billi tippromwovi d-dritt ta' kull persuna li tgħix ħielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata, u timplimenta miżuri biex jipprevjenu kull forma ta' vjolenza li taqa' taħt l-iskop ta' dan l-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Kummissjoni tkun korp magħqud li jkollu personalità legali distinta u li tkun tista', salv id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, timpjega ħaddiema, takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kull proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kwalukwe liġi oħra, li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk it-transazzjonijiet kollha li jwasslu jew ikunu inċidentali għall-eżerċizzju jew qadi tal-funzjonijiet tagħha kif previst f'dan l-Att.

(3) Ir-rappreżentanza ġuridika tal-Kummissjoni għandha tkun vestita fil-Kummissarju, jew f'xi membru ieħor li l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi b'riżoluzzjoni, b'dan illi tali riżoluzzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta mill-aktar fis, u tali approvazzjoni għandha tkun bla effett sakemm ma tiġix hekk ippubblikata:

Iżda l-Kummissjoni tista' taħtar wieħed mill-membri tagħha, jew kwalunkwe persuna oħra biex jidhru f'isimha f'xi kuntratt, att, kitba jew dokument ieħor.

Ħatra u kompożizzjoni.

7. (1) Il-Kummissjoni għandha tkun komposta minn Kummissarju li jkun imsejjaħ il-Kummissarju dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika u mhux inqas minn sitta iżda mhux iktar minn tnax-il membru ieħor li huma infurmati fuq kwistjonijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, u, jew kwistjonijiet legali u amministrattivi konnessi magħhom.

(2) Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jinħatru mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-aġenziji pubbliċi u privati jew entitajiet involuti fir-riċerka, prevenzjoni u trattament tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, kif il-Ministru jaħseb li huwa xieraq.

(3) Il-Ministru għandu jassigura li l-Kummissjoni tkun komposta minn membri li kemm jista' jkun jirrappreżentaw firxa wiesgħa tas-soċjetà ċivili.

(4) Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jaħtru kwalunkwe membru minnhom bħala Deputat Kummissarju u l-membru hekk maħtur għandu jkollu l-poteri kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha tal-Kummissarju waqt l-assenza jew inabilità temporanja tiegħu, jew waqt li l-Kummissarju jkun fuq btala, jew waqt kwalunkwe vakanza fl-uffiċċju tal-Kummissarju. L-isem tal-persuna maħtura bħala Deputat Kummissarju għandu jkun ippublikat fil-Gazzetta.

Żmien tal-kariga.

8. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jżomm il-kariga tiegħu għal terminu ta' tliet snin u jista' jerġa' jinħatar mill-ġdid fi tmiem il-kariga tiegħu għal darba waħda biss.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skwalifika.

9. Persuna ma għandhiex tikkwalifika biex iżżomm kariga bħala membru tal-Kummissjoni jekk tali persuna -

(a) hija Ministru jew Segretarju Parlamentari;

(b) hija Mħallef jew Maġistrat prattikanti;

(ċ) hija legalment interdetta jew inkapaċitata;

(d) kienet ikkundanata għal reat li jġorr sentenza ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur;

(e) kienet ikkundannata għal reat li jirrelata ma' ksur ta' drittijiet tal-bniedem jew diskriminazzjoni; jew

(f) hija suġġetta għall-iskwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji.

Kap. 386.

Terminazzjoni u riżenji.

10. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni ssir vakanti:

(a) meta jagħlqu t-tliet snin mid-data tal-ħatra jew f'dik id-data li tiġi qabel skont ma jista' jiġi speċifikat fl-istrument li bih ikun inħatar; jew

(b) mar-riżenja b'ittra indirizzata lill-Ministru; jew

(ċ) meta tinqala' ċirkostanza li, kieku persuna ma kenitx membru tal-Kummissjoni, kienet iġġib l-iskwalifika tagħha minn dik il-ħatra; jew

(d) mat-tneħħija mill-Kummissarju wara vot ta' żewġ terzi meħud mill-membri kollha minħabba n-nuqqas ta' attendenza ta' laqgħat kif speċifikat fl-artikolu 12(2).

(2) Membru tal-Kummissjoni jista', f'kull żmien, jitneħħa mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-membri l-oħra tal-Kummissjoni u jkun sostitwit b'membru ieħor.

(3) Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni tiġi vakata, għandu jinħatar membru ieħor mill-Ministru b'konformità mal-artikolu 7(2). Il-perjodu tal-ħatra ta' tali membru għandu jkun dak il-perjodu li jkun fadal mit-terminu ta' ħatra ta' tliet snin, tal-membru li l-kariga tiegħu sfat vakanti.

Kunflitt ta' interess.

11. Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li għandu xi interess dirett jew indirett fi kwalunkwe materja jew sitwazzjoni li l-Kummissjoni tkun qiegħda tikkunsidra, li mhuwiex interess li jiskwalifikah milli jibqa' membru, għandu jiżvela n-natura tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni wara li l-fatti relevanti ġew mgħarrfa lilu. Tali rivelazzjoni għandha tiġi mniżżla fil-minuti tal-laqgħa, u l-membru li għandu l-interess hawn qabel imsemmi għandu joqgħod lura milli jattendi kwalunkwe laqgħa fejn tali materja jew sitwazzjoni hija diskussa.

Dispożizzjonijiet fir-rigward ta' proċeduri tal-Kummissjoni.

12. (1) Il-Kummissjoni għandha titlaqqa' fi żmien xahar minn meta titwaqqaf, u, wara, il-laqgħat tal-Kummissjoni għandhom jissejħu mill-Kummissarju daqstant spiss daqskemm ikun meħtieġ, iżda mhux inqas minn darba kull xahrejn, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' kwalunkwe żewġ membri.

(2) L-attendenza għandha tkun mandatorja għall-membri kollha, u n-nuqqas ta' attendenza mingħajr kawża raġonevoli għal tliet laqgħat konsekuttivi tirriżulta f'mozzjoni ta' tneħħija immedjata u awtomatika.

(3) Il-*quorum* għal-laqgħat tal-Kummissjoni għandu jkun ta' nofs in-numru tal-membri tagħha, b'tali mod li wieħed mill-membri jkun il-Kummissarju jew id-Deputat Kummissarju.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jgħaddu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti, u f'każ ta' parità ta' voti l-Kummissarju għandu jkollu vot deċiżiv.

(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kummissjoni għandha, ġeneralment, tirregola l-proċeduri tagħha stess.

(6) Il-Kummissjoni tista' taħtar sotto-kumitati jew gruppi ta' ħidma minn fost il-membri tagħha stess kif tqis li hu xieraq sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha aħjar.

(7) Il-validità ta' kwalunkwe proċedura tal-Kummissjoni m'għandhiex tkun affettwata minn xi vakanza fost il-membri tal-Kummissjoni jew minħabba xi nuqqas fil-ħatra ta' xi membru.

(8) Il-Kummissjoni tista' taħtar kwalunkwe uffiċjal jew impjegat minn tagħha stess sabiex jaġixxi bħala Segretarju u jassisti fit-teħid tal-minuti tal-laqgħat li jkollha.

(9) Il-Kummissjoni tista' minn żmien għal żmien tistieden kwalunkwe persuna biex tattendi laqgħa jew għadd ta' laqgħat minn tagħha, b'mod partikolari sabiex tipprovdi parir espert dwar kwistjonijiet speċifiċi.

Funzjonijiet tal-Kummissjoni.

13. Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) li tagħti parir lill-Ministru u kwalunkwe istituzzjoni tal-Istat fuq kull kwistjoni relatata ma' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, kif ukoll il-miżuri meqjusa bħala neċessarji biex tiġi assigurata l-konformità mal-obbligu tad-diliġenza dovuta kif stabbilit fl-artikolu 5 u fil-Konvenzjoni;

(b) li tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni żviluppat mill-Gvern skont l-artikolu 5;

(ċ) li tinvolvi l-partijiet interessati, inkluża s-soċjetà ċivili, fl-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni kif immsemmi fil-paragrafu preċedenti;

(d) li tiddetermina r-riżorsi finanzjarji u umani xierqa meħtieġa għall-implementazzjoni adegwata tal-politiki integrati, miżuri u programmi biex jipprevjenu u jikkumbattu kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika koperta mill-iskop ta' dan l-Att;

(e) li tappoġġja riċerka fil-qasam ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika sabiex jiġu studjati l-kawżi u l-effetti fundamentali, inċidenzi u n-numru ta' kundanni, kif ukoll l-effikaċja tal-miżuri meħuda biex tiġi implimentata l-Konvenzjoni;

(f) li twettaq monitoraġġ fuq *standards* nazzjonali għal servizzi ta' sostenn għall-vittmi u l-awturi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, inklużi *shelter services* jew faċilitajiet pubbliċi jew privati;

(g) li twettaq monitoraġġ ta' *standards* u protokolli għall-professjonisti fl-oqsma koperti mill-iskop ta' dan l-Att u torganizza taħriġ speċjalizzat għall-imsemmija professjonisti, inkluż, iżda mhux limitat għal, edukaturi, membri tal-ġudikatura u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;

(h) li tiġbor u tgħaqqad b'mod komprensiv statistika diżaggregata f'intervalli regolari dwar każijiet ta' kull forma ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att mill-Istat, mis-settur pubbliku, aġenziji u entitajiet relevanti oħra, skont il-każ;

(i) li tikkollabora mal-istituzzjonjiet nazzjonali relevanti sabiex twettaq stħarriġ ibbażat fuq il-popolazzjoni f'intervalli regolari sabiex tiġi assessjata l-prevalenza ta' u x-xejriet popolari f'kull forma ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(j) biex tforni lill-grupp ta' esperti li għalihom jagħmel referenza l-artikolu 66 tal-Konvenzjoni l-informazzjoni miġbura bis-setgħa ta' dan l-artikolu sabiex tiġi stimolata l-koperazzjoni internazzjonali u tippermetti *benchmarking* internazzjonali;

(k) li tassigura li l-informazzjoni miġbura bis-setgħa ta' dan l-artikolu hija disponibbli għall-pubbliku;

(l) li twettaq, fuq bażi regolari u fuq kull livell, kampanji ta' għarfien jew programmi, inklużi dawk ta' koperazzjoni ma' istituzzjonjiet nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u korpi konessi mal-ugwaljanza, is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet non-governattivi sabiex jiżdied it-tagħrif u fehim fost il-pubbliku tal-manifestazzjonijiet differenti ta' kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika u l-ħtieġa li tali vjolenza tiġi pprevenuta u indirizzata;

(m) li tassigura t-tixrid wiesa' fost il-pubbliku tat-tagħrif dwar il-miżuri disponibbli biex jiġu pprevenuti atti ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att, kif ukoll kwalunkwe rimedji disponibbli;

(n) li tikkollabora mal-awtoritajiet edukattivi sabiex teduka studenti dwar il-forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att u l-miżuri preventivi fir-rigward tagħhom;

(o) li tipprovdi linja gwida għall-mezzi tax-xandir dwar il-prevenzjoni ta' atti ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att.

Verifiki u kontijiet.

14. (1) Il-Kummissjoni għandha żżomm kontijiet kif xieraq tad-dħul u l-ħruġ tagħha u għandha tipprepara u tibgħat lill-Ministru, mhux aktar tard mill-31 jum ta' Lulju ta' kull sena kalendarja, prospetti ta' kontijiet għal kull sena finanzjarja tagħha.

(2) Is-sena finanzjarja tal-Kummissjoni għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Kummissjoni għandha tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena sussegwenti.

(3) Il-kontijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu vverifikati mill-Awditur Ġenerali u l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika għandu japplika. Kap. 174.

Eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul. Kap. 123.

15. Il-Kummissjoni għandha tkun eżenti mill-ħlas ta' taxxa fir-rigward tad-dħul tagħha taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Rapporti.

16. (1) Hekk kif ikun prattikabbli wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja, iżda fi kwalunkwe każ sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Marzu tas-sena minnufih wara s-sena ta' twaqqif tagħha, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-attivitajiet kollha tagħha u għandha tibqa' tippubblika tali rapport sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena minn hemm 'il quddiem (liema rapport hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu jissejjaħ ir-"rapport annwali").

(2) Ir-rapport annwali għandu jinkludi rapport ġenerali tal-iżviluppi tul il-perjodu kopert fir-rigward tal-materji li jaqgħu taħt il-funzjonijiet tal-Kummissjoni u għandu jinkludi wkoll rapport dwar l-attivitajiet, rakkomandazzjonijiet, pariri u inizjattivi oħrajn imwettqa mill-Kummissjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha tul il-perjodu kopert mill-imsemmi rapport.

(3) Kopja tar-rapport annwali għandu jintbagħat lill-Ministru li għandu, sa mhux iktar tard minn erba' ġimgħat mill-wasla tar-rapport, ipoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra, hekk iżda li jekk il-Kamra ma tkunx qed tiltaqa', tali rapport għandu jitpoġġa sa mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li l-Kamra tibda tiltaqa' mill-ġdid.

(4) Il-Kummissjoni tista' tibgħat ukoll kopja tar-rapport annwali lil korpi jew organizzazzjonijiet oħra kif il-Ministru jiddeċiedi minn żmien għal żmien.

(5) Ir-rapport annwali għandu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data li kopja tiegħu titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi diskuss mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew kwalunkwe kumitat ieħor li jissostitwixxi l-imsemmi Kumitat.

Persuni biex jgħinu lill-Kummissjoni.

17. (1) Il-Ministru jista', kull meta l-Kummissjoni titolbu, jaħtar persuna jew jassenja uffiċjal pubbliku biex jgħinha, f'kapaċità konsultattiva, fit-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni taħt dan l-Att.

(2) Għandu jkun hemm Segretarju tal-Kummissjoni li jkun persuna maħtura bħala tali mill-Ministru jew uffiċjal pubbliku assenjat mill-Ministru biex jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju.

(3) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll dak il-persunal l-ieħor skont ma l-Ministru jista' jqis meħtieġ sabiex il-Kummissjoni twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att, u li huwa jaħtar jew jassenja kif hawn qabel imsemmi.

Finanzjament.

18. (1) Il-Ministru għandu jkun responsabbli sabiex jassigura fondi adegwati għat-twettiq attwali u effettiv tal-funzjonijiet hekk kif imfissra fl-artikolu 13.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Fl-amministrazzjoni tal-imsemmija fondi, il-Kummissjoni għandha tassigura konformità ma' dawk il-liġijiet kollha li jkunu japplikaw, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika u leġiżlazzjoni relevanti dwar l-akkwist pubbliku. Kap. 174.

Taqsima III
Aġenzija Msemmija

Aġenzija msemmija.

19. (1) Il-Ministru għandu jsemmi organizzazzjoni waħda jew aktar organizzazzjonijiet, pubbliċi, mis-soċjetà ċivili, jew organizzazzjonijiet oħra, istituzzjonijiet jew korpi oħra li magħhom ikunu saru arranġamenti kif previst fis-subartikolu (3) bħala l-aġenzija li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew ta' kura għal vittmi u awturi ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att.

(2) Il-Ministru għandu jassenja dawk is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-organizzazzjoni, istituzzjoni, jew korp imsemmija.

(3) L-arranġamenti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jispeċifikaw is-servizzi li l-organizzazzjoni, istituzzjoni u korp ieħor ikunu mistennija li jipprovdu sakemm jibqgħu fis-seħħ l-arranġamenti u għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew ta' kura għal vittmi u awturi ta' forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att;

(b) faċilitajiet ta' linja ta' komunikazzjoni ta' għajnuna pubblika biex ikun hemm aċċess ta' emerġenza għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati f'dawk l-oqsma relatati mal-forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att;

(ċ) esperti li jivvalutaw xi jkunu l-ħtiġiet u r-riskji ta' vittmi tal-forom ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' dan l-Att, inkluż l-iżvilupp ta' pjan ta' kura għal kull persuna riferita;

(d) akkomodazzjoni mkennija għal vittmi ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att, inkluża dik li tingħata bi sħab ma' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet jew korpi oħra li jipprovdu akkomodazzjoni simili;

(e) il-ġbir u t-tixrid lil persuni u korpi li jkollhom interess ta' dokumentazzjoni fuq id-drittijiet li għandhom il-vittmi ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att, u fuq ir-rimedji u servizzi disponibbli għalihom;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-vjolenza domestika biex din tintuża fil-Qrati, minn prosekuturi, uffiċjali li jinfurzaw il-liġi, operaturi fil-kura tas-saħħa, ħaddiema soċjali u aġenziji u entitatijiet oħra, b'mod li tkun protetta l-identità tal-vittmi ta' vjolenza koperta mill-iskop ta' dan l-Att.

(4) L-arranġamenti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jipprovdu wkoll għall-iffinanzjar mill-Ministru tas-servizzi miftiehma mal-organizzazzjoni, istituzzjoni jew korp ieħor.

(5) L-aġenzija msemmija għandha żżomm il-fondi msemmija fis-subartikolu (4) separatament mill-fondi l-oħra tal-aġenzija, u għandha żżomm kif imiss kotba tal-kontijiet relattivi awditjati kull sena minn awdituri maħturin minnha bi ftehim mal-Ministru u li barra minn hekk ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-Awditur Ġenerali.

(6) L-aġenzija msemmija għandha, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tagħlaq kull sena finanzjarja, tgħaddi lill-Ministru:

(a) kopja tal-kontijiet annwali kif ċertifikati mill-awdituri; u

(b) rapport fuq il-ħidma tal-aġenzija matul is-sena.

(7) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (6)(b) għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jirċevih, jew meta l-Kamra f'dak il-perjodu ma tkunx qiegħda tiltaqa', mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' tibda tiltaqa', u dan ir-rapport għandu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data li fiha kopja tiegħu titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi diskuss mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati jew xi kumitat ieħor li jissostitwih.

(8) Kull membru, uffiċjal, impjegat jew membru tal-persunal tal-aġenzija msemmija għandu jitqies bħala uffiċjal pubbliku għall-finijiet tal-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(9) L-aġenzija msemmija għandha, fejn neċessarju u fl-aħjar interess tal-partijiet involuti, tikkopera ma' kwalunkwe aġenzija, istituzzjoni jew organizzazzjoni non-governattiva oħra jew kwalunkwe korp ieħor kompetenti biex tieħu ħsieb kwistjonijiet relevanti.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti.

20. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jimplimenta u sabiex jagħti effett aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' jippreskrivi kull ħaġa li għandha ssir jew li tista' tiġi preskritta u jipprovdi għal kull ħaġa konsegwenzjali, inċidentali għal jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

konnessa mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Riżervi.

21. Biex jitneħħa kull dubju, huwa hawnhekk dikjarat li permezz ta' *Note Verbale* ppreżentat fil-21 ta' Mejju 2012, Malta rriżervat id-dritt li ma tapplikax:

(a) l-artikolu 30(2) tal-Konvenzjoni u sabiex tissokta l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ sa fejn kumpens mill-Istat huwa konċernat; u

(b) l-artikolu 44(1)(e) tal-Konvenzjoni u biex tistabbilixxi ġurisdizzjoni meta r-reat ikun kommess minn persuna li għandha residenza permanenti skont l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Kap. 217.

Il-Konvenzjoni infurzabbli bħala parti mill-liġi ta' Malta.

22. (1) Il-Konvenzjoni, kif riprodotta fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, għandha tkun, u għandha tkun infurzabbli bħala, parti mill-liġijiet ta' Malta.

(2) Fejn xi liġi ordinarja hija inkonsistenti mad-drittijiet stipulati fil-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni għandha tipprevali, u tali liġi ordinarja għandha, sa fejn hija inkonsistenti, titqies nulla:

Iżda fejn xi liġi ordinarja tagħti livell ogħla ta' protezzjoni u, jew drittijiet ulterjuri minn dawk stipulati fil-Konvenzjoni, dik il-liġi ordinarja għandha tapplika.

Tħassir tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika u tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika. Kap. 481. Kap. 532.

23. L-Att dwar il-Vjolenza Domestika u l-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika huma b'dan imħassrin.

SKEDA

Sensiela ta' trattati tal-Kunsill tal-Ewropa – Nru 210

Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika

Istanbul, 11.V.2011

VERŻJONI ELETTRONIKA

Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-firmatarji l-oħrajn,

Filwaqt li jfakkru fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5, 1950) u l-Protokolli tagħha, il-Karta Soċjali Ewropea (ETS Nru 35, 1961, riveduta fl-1996, ETS Nru 163), il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (CETS Nru 197, 2005) u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali (CETS Nru 201, 2007);

Filwaqt li jfakkru fir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa: Rakkomandazzjoni Rec(2002)5 dwar il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza, Rakkomandazzjoni cm/rec(2007)17 dwar *standards* rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi u Mekkaniżmi, Rakkomandazzjoni CM/ Rec(2010)10 dwar ir-rwol tan-nisa u l-irġiel fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fil-bini tal-paċi u rakkomandazzjonijiet rilevanti oħrajn;

Filwaqt li jqisu l-korp dejjem jikber ta' każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jistabbilixxi *standards* importanti fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa;

Wara li kkunsidraw il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966), il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa ("CEDAW", 1979) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha (1999) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 19 tal-Kumitat tas-CEDAW dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989) u l-Protokolli Fakultattivi tagħha (2000) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (2006);

Wara li kkunsidraw l-Istatut ta' Ruma dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (2002);

Filwaqt li jfakkru fil-prinċipji bażiċi tad-dritt umanitarju internazzjonali, u speċjalment il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (IV) relatata mal-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra (1949) u l-Protokolli Addizzjonali I u II (1977) tagħha;

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jikkundannaw kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;

Filwaqt li jagħrfu li r-realizzazzjoni ta' ugwaljanza *de jure* u *de facto* bejn in-nisa u l-irġiel hija element ewlieni fil-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa;

Filwaqt li jagħrfu li l-vjolenza kontra n-nisa hija manifest ta' relazzjonijiet ta' poter storikament inugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li wasslu għal dominju fuq, u diskriminazzjoni kontra n-nisa mill-irġiel u għall-prevenzjoni tal-avvanz sħiħ tan-nisa;

Filwaqt li jagħrfu li l-istruttura naturali tal-vjolenza kontra n-nisa bħala vjolenza abbażi tas-sess, u li l-vjolenza kontra n-nisa hija waħda mill-mekkaniżmi soċjali kruċjali fejn in-nisa huma sfurzati f'pożizzjoni subordinata meta mqabbla mal-irġiel;

Filwaqt li jagħrfu, bi tħassib serju, li n-nisa u l-bniet ta' sikwit ikunu esposti għal forom serji ta' vjolenza bħal vjolenza domestika, fastidju sesswali, stupru, żwieġ sfurzat, reati mwettqa f'isem l-hekk imsejjaħ "unur" u mutilazzjoni ġenitali, li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet u ostaklu ewlieni sabiex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

Filwaqt li jagħrfu l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem waqt kunflitti armati li jaffettwaw lill-popolazzjoni ċivili, speċjalment lin-nisa fil-forma ta' stupru mifrux jew sistematiku u vjolenza sesswali u l-potenzjal għal żieda ta' vjolenza abbażi tas-sess kemm waqt kif ukoll wara l-kunflitti;

Filwaqt li jagħrfu li n-nisa u l-bniet huma esposti għal riskju ogħla ta' vjolenza abbażi tas-sess mill-irġiel;

Filwaqt li jagħrfu li l-vjolenza domestika taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat, u l-irġiel jistgħu jkunu wkoll vittmi tal-vjolenza domestika;

Filwaqt li jagħrfu li t-tfal huma vittmi tal-vjolenza domestika, inkluż bħala xhieda tal-vjolenza fil-familja;

Jaspiraw li joħolqu Ewropa ħielsa mill-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika,

Qablu kif ġej:

Kapitolu I – Għanijiet, definizzjonijiet, ugwaljanza u nondiskriminazzjoni, obbligi ġenerali

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 1 – Għanijiet tal-Konvenzjoni

1. L-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni huma:

a il-protezzjoni tan-nisa kontra kull forma ta' vjolenza, u l-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;

b kontribuzzjoni għall-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza sostantiva bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż bl-emanċipazzjoni tan-nisa;

ċ tfassil ta' qafas komprensiv, politiki u miżuri għall-protezzjoni ta' u assistenza lill-vittmi kollha tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;

d il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali bil-għan li l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jiġu eliminati;

e jiġu pprovduti appoġġ u assistenza lill-organizzazzjonijiet u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sabiex jikkooperaw b'mod effettiv biex jadottaw approċċ integrat għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

2. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet, din il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ.

Artikolu 2 – Kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika għall-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż il-vjolenza domestika, li tolqot lin-nisa b'mod sproporzjonat.

2. Il-partijiet huma mħeġġin japplikaw din il-Konvenzjoni għall-vittmi kollha tal-vjolenza domestika. Il-partijiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lin-nisa vittmi tal-vjolenza abbażi tas-sess fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

3. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika fi żminijiet ta' paċi u f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat.

Artikolu 3 – Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni:

VERŻJONI ELETTRONIKA

a "vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandha tfisser kull att ta' vjolenza abbażi tas-sess li tirriżulta, jew li aktarx tirriżulta fi ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika jew tbatija għan-nisa, inkluż theddid ta' atti bħal dawn, sfurzar jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-ħajja privata;

b "vjolenza domestika" għandha tfisser it-tipi kollha ta' vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li sseħħ fi ħdan il-familja jew l-unità domestika jew bejn konjuġi jew sħab ta' qabel jew attwali, kemm jekk l-awtur jaqsamx l-istess residenza mal-vittma jew le;

ċ "sessi"' għandha tfisser ir-rwoli, l-imġiba, l-attivitajiet u l-attributi mfasslin soċjalment li soċjetà partikolari tikkunsidra xierqa għan-nisa u l-irġiel;

d "vjolenza bbażata fuq is-sess kontra n-nisa" għandha tfisser vjolenza li hija diretta kontra mara, minħabba li hija mara jew li taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat;

e "vittma" għandha tfisser kwalunkwe persuna li tkun soġġetta għall-imġiba speċifikata f'punti a u b;

f "nisa" jinkludu tfajliet taħt l-età ta' 18.

Artikolu 4 – Drittijiet fundamentali, ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jippromwovu u jipproteġu d-dritt għal kulħadd, b'mod partikolari għan-nisa, sabiex jgħixu ħielsa kemm fl-isfera pubblika, kif ukoll f'dik privata.

2. Il-Partijiet jikkundannaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u jieħdu mingħajr dewmien, il-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jipprevjenuha, b'mod partikolari billi:

- jinkorporaw fil-kostituzzjonijiet nazzjonali tagħhom jew leġiżlazzjonijiet oħrajn xierqa, il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jiżguraw ir-realizzazzjoni prattika ta' dan il-prinċipju;

- jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, inkluż permezz tal-użu ta' sanzjonijiet, fejn xieraq;

VERŻJONI ELETTRONIKA

- jabolixxu liġijiet u prattiki li jiddiskriminaw kontra n-nisa.

3. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni mill-partijiet, b'mod partikolari l-miżuri li jipproteġu d-drittijiet tal-vittmi, għandhom ikunu żgurati mingħajr diskriminazzjoni fuq ebda bażi, bħal sess, ġeneru, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, orjentazzjoni sesswali, identità sesswali, età, stat ta' saħħa, diżabilità, stat ċivili, stat ta' migrant jew refuġjat, jew stat ieħor.

4. Miżuri speċjali li huma meħtieġa biex jipprevjenu u jipproteġu nisa minn vjolenza bbażata fuq is-sess, ma għandhomx jitqiesu diskriminazzjoni skont it-termini ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5 – Obbligi tal-Istat u d-diliġenza dovuta

1. Il-Partijiet għandhom iżommu lura milli jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe att ta' vjolenza kontra n-nisa u għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet, uffiċjali, aġenti, istituzzjonijiet tal-Istat u atturi oħrajn li jaħdmu f'isem l-Istat, jaġixxu f'konformità ma' dan l-obbligu.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta biex jipprevjenu, jinvestigaw, jikkastigaw u jipprovdu riparazzjoni għall-atti ta' vjolenza koperti mill-iskop ta' din il-Konvenzjoni li jitwettqu minn atturi mhux statali.

Artikolu 6 – Politiki sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi

Il-Partijiet għandhom ifittxu li jinkludu perspettiva tas-sessi fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-impatt tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u li jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv politiki ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

Kapitolu II – Politiki integrati u ġbir tad-*data*

Artikolu 7 – Politiki komprensivi u koordinati

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jadottaw u jimplimentaw politiki effettivi, komprensivi u koordinati mifruxin mal-Istat kollu, li jinkludu l-miżuri rilevanti kollha biex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni u joffru rispons ħolistiku għall-vjolenza kontra n-nisa.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-politiki msemmijin fil-paragrafu 1 ipoġġu d-drittijiet tal-vittma fiċ-ċentru tal-miżuri kollha u jkunu implimentati permezz ta' kooperazzjoni effettiva fost l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti kollha.

3. Il-miżuri meħudin skont dan l-Artikolu għandhom jinvolvu, fejn xieraq, lill-atturi rilevanti kollha, bħal aġenziji tal-gvern, il-parlamenti nazzjonali, reġjonali u lokali u l-awtoritajiet, istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Artikolu 8 – Riżorsi finanzjarji

Il-Partijiet għandhom jallokaw riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni xierqa ta' politiki integrati, miżuri u programmi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, inkluż dawk imwettqin minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u mis-soċjetà ċivili.

Artikolu 9 – Organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili

Il-Partijiet għandhom jirrikonoxxu, jinkoraġixxu u jappoġġaw, fuq il-livelli kollha, ix-xogħol ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili attivi fil-ġlieda tal-vjolenza kontra n-nisa u jistabbilixxu kooperazzjoni effettiva ma' dawn l-organizzazzjonijiet.

Artikolu 10 – Korp ta' koordinazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jinnominaw jew jistabbilixxu korp uffiċjali wieħed jew iktar responsabbli għall-koordinazzjoni, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politiki u miżuri sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom ta' vjolenza kollha koperti minn din il-Konvenzjoni. Dawn il-korpi għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-*data* kif imsemmi fl-Artikolu 11, janalizzaw u jxerrdu r-riżultati tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-korpi nominati jew stabbiliti skont dan l-Artikolu jirċievu informazzjoni ta' natura ġenerali dwar il-miżuri meħudin skont il-Kapitolu VIII.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-korpi nominati jew stabbiliti skont dan l-Artikolu għandu jkollhom il-kapaċità li jikkomunikaw direttament u jrawmu relazzjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom f'Partijiet oħrajn.

Artikolu 11 – Ġbir ta' *data* u riċerka

VERŻJONI ELETTRONIKA

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jintrabtu li:

a jiġbru *data* statistika rilevanti diżaggregata f'intervalli regolari dwar każijiet tal-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni;

b. jappoġġjaw ir-riċerka fil-qasam tal-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, sabiex jiġu studjati l-kawżi u l-effetti ewlenin tagħha, inċidenzi u r-rati ta' kundanna, kif ukoll l-effikaċja tal-miżuri meħudin sabiex tiġi implimentata din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex iwettqu stħarriġ abbażi tal-popolazzjoni f'intervalli regolari sabiex jevalwaw il-prevalenza ta' u x-xejriet fil-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lill-grupp ta' esperti, kif imsemmi fl-Artikolu 66 ta' din il-Konvenzjoni, bl-informazzjoni miġbura permezz ta' dan l-Artikolu sabiex jistimulaw il-kooperazzjoni internazzjonali u jippermettu *benchmarking* internazzjonali.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-informazzjoni miġbura skont dan l-Artikolu tkun disponibbli għall-pubbliku.

Kapitolu III – Prevenzjoni

Artikolu 12 – Obbligi ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippromwovu t-tibdil fit-tendenzi soċjali u kulturali tal-imġiba tan-nisa u l-irġiel, bl-għan li jinqerdu l-preġudizzji, l-abitudnijiet, it-tradizzjonijiet u l-prattiki l-oħrajn kollha li huma bbażati fuq l-idea tal-inferjorità tan-nisa jew fuq ir-rwoli sterjotipati għan-nisa u l-irġiel.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jipprevjenu l-forom ta' vjolenza kollha koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika.

3. Kwalunkwe miżura meħuda skont dan il-Kapitolu għandha tqis u tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni magħmulin vulnerabbli minn ċirkustanzi partikolari u għandha tpoġġi d-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi kollha fil-qalba tagħha.

4. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex

VERŻJONI ELETTRONIKA

jippromwovu lill-membri tas-soċjetà, b'mod partikolari rġiel u subien, sabiex jikkontribwixxu b'mod attiv biex jipprevjenu l-forom kollha tal-vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

5. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-kultura, il-konswetudni, ir-reliġjon, it-tradizzjoni jew l-hekk imsejjaħ "unur" ma jitqisux bħala ġustifikazzjoni għal kwalunkwe att ta' vjolenza kopert mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippromwovu l-programmi u l-attivitajiet għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

Artikolu 13 – Sensibilizzazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu jew imexxu, fuq bażi regolari u fuq il-livelli kollha, kampanji jew programmi ta' sensibilizzazzjoni b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u mal-korpi tal-ugwaljanza, mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi b'mod partikolari mal-organizzazzjonijiet tan-nisa, fejn xieraq, sabiex jiżdiedu l-kuxjenza u l-fehim fost il-pubbliku ġenerali tal-manifestazzjonijiet differenti tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, il-konsegwenzi tagħhom fuq it-tfal u l-ħtieġa li jipprevjenu vjolenza bħal din.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw it-tixrid wiesa' fost il-pubbliku ġenerali tal-informazzjoni dwar miżuri disponibbli biex jipprevjenu atti ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 14 – Edukazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu, fejn xieraq, il-passi meħtieġa biex jinkludu materjal tat-tagħlim dwar kwistjonijiet bħall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rwoli tas-sessi mhux sterjotipati, rispett reċiproku, riżoluzzjoni tal-kunflitti mhux vjolenti fir-relazzjonijiet interpersonali, vjolenza bbażata fuq is-sess u d-dritt tal-integrità personali, adattati għall-kapaċità li qiegħda tevolvi ta' dawk li qegħdin jitgħallmu, fil-kurrikuli formali u fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippromwovu l-prinċipji msemmijin fil-paragrafu 1 fil-faċilitajiet edukattivi informali, kif ukoll fil-faċilitajiet sportivi, kulturali u tad-divertiment u l-midja.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 15 – Taħriġ ta' professjonisti

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu jew isaħħu taħriġ xieraq għall-professjonisti rilevanti li jkollhom x'jaqsmu mal-vittmi jew mal-awturi tal-atti kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, dwar il-prevenzjoni u l-iskoperta ta' vjolenza bħal din, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-vittmi, kif ukoll dwar kif tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu li t-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi t-taħriġ dwar il-kooperazzjoni kkoordinata ta' aġenziji diversi sabiex tkun tista' ssir ġestjoni komprensiva u xierqa ta' referenzi fil-każijiet ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 16 – Programmi ta' intervent preventiv u ta' trattament

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jistabbilixxu jew jappoġġaw programmi mmirati lejn it-tagħlim tal-awturi ta' vjolenza domestika biex jadottaw imġiba mhux vjolenti f'relazzjonijiet interpersonali bil-għan li jipprevjenu iktar vjolenza u jibdlu x-xejriet tal-imġiba vjolenti.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jistabbilixxu jew jappoġġaw programmi ta' trattament immirati sabiex jipprevjenu lill-awturi, b'mod partikolari dawk li jagħmlu reati sesswali, milli jwettqu reat ġdid.

3. Fit-teħid tal-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, il-Partijiet għandhom jiżguraw li s-sigurtà tal-vittma, l-appoġġ għaliha u d-drittijiet tal-bniedem tagħha jkunu prijorità prinċipali u li, fejn xieraq, dawn il-programmi jkunu stabbiliti u implimentati f'koordinazzjoni mill-qrib mas-servizzi speċjalizzati ta' appoġġ għall-vittmi.

Artikolu 17 – Il-parteċipazzjoni tas-settur privat u tal-midja

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lis-settur privat, lis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-midja, bir-rispett dovut għal-libertà tal-espressjoni u tal-indipendenza tagħhom, biex jipparteċipaw fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politiki u biex jistabbilixxu linji gwida u *standards* li jirregolaw lilhom infushom għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u sabiex isaħħu r-rispett għad-dinjità tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jippromwovu, f'kooperazzjoni mal-atturi tas-settur privat, ħiliet fost it-tfal, il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġenituri u l-edukaturi dwar kif jittrattaw l-ambjent tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li jipprovdi aċċess għal kontenut degredanti ta' natura sesswali jew vjolenti li jistgħu jkunu ta' ħsara.

Kapitolu IV – Protezzjoni u appoġġ

Artikolu 18 – Obbligi ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipproteġu lill-vittmi kollha minn atti oħrajn ta' vjolenza.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn, skont il-liġi interna, biex jiżguraw li hemm mekkaniżmi xierqa sabiex jipprovdu kooperazzjoni effettiva bejn l-aġenziji statali rilevanti, inkluż il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħrajn, biex jipproteġu u jappoġġjaw lill-vittmi u lix-xhieda tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, inkluż billi jirreferu għas-servizzi tal-appoġġ ġenerali u speċjalizzati kif dettaljat fl-Artikoli 20 u 22 ta' din il-Konvenzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-miżuri meħudin skont dan il-Kapitolu għandhom:

- ikunu bbażati fuq fehim ibbażat fuq il-ġeneru tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u għandhom jiffukaw fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq is-sigurtà tal-vittma;

- ikunu abbażi ta' approċċ integrat li jqis ir-relazzjoni bejn il-vittmi, l-awturi, it-tfal u l-ambjent soċjali usa' tagħhom;

- jimmiraw li jevitaw il-vittimizzazzjoni sekondarja;

- jimmiraw lejn it-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-indipendenza ekonomika tal-vittmi nisa ta' vjolenza;

- jippermettu, fejn xieraq, għal firxa ta' servizzi tal-protezzjoni u ta' appoġġ li jkunu jinstabu fl-istess bini;

- jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni vulnerabbli, inkluż vittmi tfal, u jkunu magħmulin disponibbli għalihom.

4. L-għoti tas-servizzi ma għandux jiddependi fuq ir-rieda tal-vittma li tiftaħ kawża jew li tixhed kontra kwalunkwe awtur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

5. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprovdu protezzjoni konsulari u protezzjoni oħra u appoġġ liċ-ċittadini tagħhom u vittmi oħrajn intitolati għal protezzjoni bħal din f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali.

Artikolu 19 – Informazzjoni

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li l-vittmi kollha jirċievu informazzjoni xierqa u f'waqtha dwar servizzi ta' appoġġ disponibbli u miżuri legali b'lingwi li huma jifhmu.

Artikolu 20 – Servizzi ta' appoġġ ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li l-vittmi għandhom aċċess għal servizzi li jiffaċilitaw l-irkupru tagħhom mill-vjolenza. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu, fejn meħtieġ, servizzi bħal konsulenza legali u psikoloġika, għajnuna finanzjarja, akkomodazzjoni, edukazzjoni, taħriġ u għajnuna biex isibu impjieg.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li l-vittmi jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u servizzi soċjali u li s-servizzi jkollhom ir-riżorsi xierqa u l-professjonisti jkunu mħarrġin biex jgħinu lill-vittmi u jirreferuhom lis-servizzi xierqa.

Artikolu 21 – Assistenza għal ilmenti individwali/kollettivi

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-vittmi jkollhom informazzjoni dwar u l-aċċess għall-mekkaniżmi għall-ilment internazzjonali u reġjonali applikabbli b'mod individwali/kollettivi. Il-partijiet għandhom jippromwovu l-provvista ta' għajnuna sensittiva u b'għarfien lill-vittmi li jippreżentaw ilmenti bħal dawn.

Artikolu 22 – Servizzi ta' appoġġ speċjalizzati

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipprovdu jew jirranġaw għal, f'distribuzzjoni ġeografika xierqa, servizzi ta' appoġġ speċjalizzati b'mod immedjat, fi żmien qasir u fit-tul lil kwalunkwe vittma suġġetti għal kwalunkwe att ta' vjolenza kopert mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jipprovdu jew jorganizzaw servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għan-nisa kollha vittmi ta' vjolenza u għat-tfal tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 23 – Postijiet ta' kenn

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipprovdu għat-twaqqif ta' postijiet li joffru kenn, li jkunu xierqa, faċilment aċċessibbli f'numru suffiċjenti sabiex jipprovdu akkomodazzjoni sigura u biex jilħqu b'mod proattiv lill-vittmi, speċjalment lin-nisa u lit-tfal tagħhom.

Artikolu 24 – Linji telefoniċi għall-għajnuna

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa u miżuri oħrajn sabiex jistabbilixxu linji telefoniċi mingħajr ħlas li jaħdmu 24 siegħa kuljum (24/7) madwar l-Istat kollu, sabiex jipprovdu pariri lil min iċempel, b'mod kunfidenzjali jew b'kunsiderazzjoni xierqa għall-anonimità tagħhom, fir-rigward tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 25 – Appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza sesswali

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipprovdu għat-twaqqif ta' ċentri ta' riferiment xierqa, faċilment aċċessibbli fi kriżi ta' stupru jew vjolenza sesswali, għall-vittmi f'għadd suffiċjenti, li jipprovdu għall-eżaminazzjoni medika u forensika, appoġġ għat-trawma u konsulenza għall-vittmi.

Artikolu 26 – Protezzjoni u appoġġ għal tfal xhieda

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li fl-għoti tas-servizzi ta' protezzjoni u appoġġ lill-vittmi, jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal li huma xhieda tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-miżuri meħudin skont dan l-Artikolu għandhom jinkludu konsulenza adatta psikoloġika għall-età tat-tfal li jkunu xhieda tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni u għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta għall-aħjar interessi tat-tfal.

Artikolu 27 – Rappurtar

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna xhud tat-twettiq ta' atti ta' vjolenza koperti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni jew kull min għandu raġunijiet motivati biex jemmen li att bħal dan jista' jsir, jew li iktar atti ta' vjolenza huma mistennijin, biex jirrapporta dan lill-organizzazzjonijiet jew lill-awtoritajiet kompetenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 28 – Rappurtar minn professjonisti

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li r-regoli tal-kunfidenzjalità imposti mil-liġi interna fuq ċerti professjonisti ma jikkostitwixxux ostaklu għall-possibbiltà, taħt kundizzjonijiet xierqa, tar-rappurtar tagħhom lill-organizzazzjonijiet kompetenti jew l-awtoritajiet jekk għandhom raġunijiet iġġustifikati biex jemmnu li twettaq att serju ta' vjolenza kopert mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni, u li huma mistennija iktar atti serji ta' vjolenza.

Kapitolu V – Liġi sostantiva

Artikolu 29 – Kawżi ċivili u rimedji

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipprovdu lill-vittmi b'rimedji ċivili xierqa kontra l-awtur.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jipprovdu lill-vittmi skont il-prinċipju ġenerali tad-dritt internazzjonali, b'rimedji ċivili adegwati kontra l-awtoritajiet tal-Istat li naqsu fl-obbligu tagħhom milli jieħdu l-prevenzjoni meħtieġa jew miżuri ta' protezzjoni fi ħdan l-ambitu tas-setgħat tagħhom.

Artikolu 30 – Kumpens

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li l-vittmi jkollhom id-dritt li jitolbu kumpens mingħand l-awturi ta' kwalunkwe reat stabbilit skont din il-Konvenzjoni.

2. Għandu jingħata kumpens xieraq mill-Istat lil dawk li jkunu sofrew korriment fiżiku jew indeboliment tas-saħħa, sal-punt li l-ħsara ma tkunx koperta minn sorsi oħrajn bħall-awtur, l-assigurazzjoni jew saħħa ffinanzjata mill-Istat jew minn dispożizzjonijiet soċjali. Dan ma jipperkludix lill-Partijiet milli jitolbu rigressjoni għall-kumpens mogħti mill-awtur, diment li tingħata l-attenzjoni dovuta għas-sigurtà tal-vittma.

3. Miżuri meħudin skont il-paragrafu 2 għandhom jiżguraw l-għoti ta' kumpens fi żmien raġonevoli.

Artikolu 31 – Kustodja, drittijiet ta' żjara u sigurtà

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa jew miżuri oħrajn sabiex jiżguraw li fid-determinazzjoni tal-kustodja u tad-drittijiet taż-żjarat tat-tfal, jitqiesu inċidenti ta' vjolenza koperti

VERŻJONI ELETTRONIKA

mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-eżerċitar ta' kwalunkwe dritt ta' żjara jew kustodja ma jipperikolax id-drittijiet u s-sikurezza tal-vittma jew tat-tfal.

Artikolu 32 –Konsegwenzi ċivili ta' żwiġijiet sfurzati

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li ż-żwiġijiet konklużi b'mod sfurzat ikunu jistgħu jiġu ddikjarati nulli, jiġu annullati jew xolti mingħajr ma jiġi impost piż finanzjarju jew amministrattiv bla bżonn fuq il-vittma.

Artikolu 33 – Vjolenza psikoloġika

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata li tikkawża danni serji għall-integrità psikoloġika ta' persuna permezz ta' ġegħil jew theddid.

Artikolu 34 – Insegwiment malizzjuż

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiġi żgurat li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata ta' persuna li ripetutament taġixxi b'theddid fil-konfront ta' persuna oħra, tant li twassalha biex tibża' għas-sikurezza tagħha.

Artikolu 35 – Vjolenza fiżika

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiġi żgurat li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata ta' twettiq ta' atti ta' vjolenza fiżika kontra persuna oħra.

Artikolu 36 – Vjolenza sesswali, inkluż stupru

1. Il-partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-imġibiet intenzjonati li ġejjin jiġu kriminalizzati:

a involviment f'penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali mhux konsenswali, ta' natura sesswali, fuq il-ġisem ta' persuna oħra bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew oġġett;

b involviment f'atti oħra mhux konsenswali ta' natura

VERŻJONI ELETTRONIKA

sesswali ma' persuna;

ċ imġiba li twassal lil persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'atti mhux konsenswali ta' natura sesswali ma' terza persuna.

2. Il-kunsens għandu jingħata volontarjament bħala r-riżultat tar-rieda ħielsa tal-persuna vvalutata fil-kuntest taċ-ċirkostanzi fattwali relatati.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 japplikaw ukoll għall-atti li jsiru fuq konjuġi jew sħab preċedenti jew attwali, kif rikonoxxuti mil-liġi interna.

Artikolu 37 – Żwieġ sfurzat

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata li ġġiegħel persuna adulta jew minorenni tidħol f'rabta ta' żwieġ.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li tiġi kriminalizzata kwalunkwe mġiba intenzjonata li tħajjar persuna adulta jew minorenni sabiex tmur fit-territorju ta' Parti jew Stat ieħor differenti minn dak fejn hija tirrisjedi bil-għan li din il-persuna adulta jew minorenni tiġi sfurzata tidħol f'rabta ta' żwieġ.

Artikolu 38 – Mutilazzjoni tal-ġenitali femminili

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-imġibiet intenzjonati li ġejjin jiġu kriminalizzati:

a il-qtugħ, l-infibulazzjoni jew it-twettiq ta' kwalunkwe mutilazzjoni oħra fi kwalunkwe parti minn *labia majora*, *labia minora* jew *klitoride* ta' mara, jew kollha kemm hi;

b li tisforza jew iġġiegħel mara tgħaddi minn kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fil-punt a;

ċ li tinċita, tisforza jew iġġiegħel tifla tgħaddi minn kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fil-punt a.

Artikolu 39 – Abort sfurzat u sterilizzazzjoni sfurzata

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri

VERŻJONI ELETTRONIKA

oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-imġibiet intenzjonati li ġejjin jiġu kriminalizzati:

a it-twettiq ta' abort fuq mara mingħajr il-kunsens infurmat u minn qabel tagħha;

b it-twettiq ta' operazzjoni kirurġika li jkollha l-iskop jew l-effett li ttemm il-kapaċità ta' mara li tirriproduċi b'mod naturali mingħajr il-kunsens infurmat u minn qabel tagħha jew mingħajr fehim tal-proċedura.

Artikolu 40 – Fastidju sesswali

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soġġetta għal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali oħra.

Artikolu 41 – Għajnuna jew assistenza u attentat

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jistabbilixxu bħala reat, meta mwettqa intenzjonalment, l-għajnuna jew il-kumplikità fit-twettiq tar-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 33, 34, 35, 36, 37, 38.a u 39 ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji biex jistabbilixxu bħala reati, meta mwettqa intenzjonalment, attentati biex jitwettqu r-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 35, 36, 37, 38.a u 39 ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 42 – Ġustifikazzjonijiet inaċċettabbli għad-delitti, inklużi delitti mwettqa f'isem l-hekk imsejjaħ "unur"

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li, fi proċedimenti kriminali mibdija wara t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mill-atti ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, il-kultura, id-drawwiet, ir-reliġjon, it-tradizzjoni jew l-hekk imsejjaħ "unur" ma jitqisux bħala ġustifikazzjoni għal atti bħal dawn. Dan ikopri, b'mod partikolari, allegazzjonijiet li l-vittma kisret in-normi jew id-drawwiet kulturali, reliġjuži, soċjali jew tradizzjonali ta' mġiba xierqa.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-inċitament minn kwalunkwe persuna lil persuna minorenni sabiex twettaq kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fil-paragrafu 1 ma jnaqqasx ir-responsabbiltà kriminali ta' dik il-persuna għall-atti mwettqa.

Artikolu 43 – Applikazzjoni ta' reati kriminali

Ir-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw irrispettivament min-natura tar-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat.

Artikolu 44 – Ġuriżdizzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq kwalunkwe reat stabbilit b'konformità ma' din il-Konvenzjoni, meta r-reat jitwettaq:

a fit-territorju tagħhom; jew

b abbord vapur li jtajjar il-bandiera tagħhom; jew

ċ abbord inġenju tal-ajru rreġistrat skont il-liġijiet tagħhom; jew

d minn wieħed jew waħda miċ-ċittadini nazzjonali tagħhom; jew

e minn persuna li għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq kwalunkwe reat stabbilit b'konformità ma' din il-Konvenzjoni, meta r-reat jitwettaq kontra wieħed jew waħda miċ-ċittadini nazzjonali tagħhom, li jkollha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju tagħhom.

3. Għall-prosekuzzjoni tar-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 36, 37, 38 u 39 ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni tagħhom ma tkunx subordinata għall-kundizzjoni li l-atti jiġu kriminalizzati fit-territorju fejn ikunu twettqu.

4. Għall-prosekuzzjoni tar-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 36, 37, 38 u 39 ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex

VERŻJONI ELETTRONIKA

jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni tagħhom fir-rigward tal-punti d u e tal-paragrafu 1 ma tkunx subordinata għall-kundizzjoni li l-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara li r-reat jiġi rrappurtat mill-vittma jew wara li tingħata l-informazzjoni mill-Istat tal-post fejn twettaq ir-reat.

5. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq ir-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni, f'każijiet fejn allegat awtur ta' reat ikun preżenti fit-territorju tagħhom u huma ma jestraduhx lejn Parti oħra, sempliċiment abbażi tan-nazzjonalità tiegħu.

6. Meta iktar minn Parti waħda titlob ġuriżdizzjoni fuq allegat reat stabbilit b'konformità ma' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet involuti għandhom, fejn xieraq, jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jiddeterminaw l-aktar ġuriżdizzjoni xierqa għall-prosekuzzjoni.

7. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali, din il-Konvenzjoni ma teskludi ebda ġuriżdizzjoni kriminali eżerċitata minn Parti b'konformità mal-liġi interna tagħha.

Artikolu 45 – Sanzjonijiet u miżuri

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni jiġu kkastigati b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni s-serjetà tagħhom. Dawn is-sanzjonijiet għandhom jinkludu, fejn xieraq, is-sentenzi li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li tista' twassal għal estradizzjoni.

2. Il-Partijiet jistgħu jadottaw miżuri oħrajn b'rabta mal-awturi tar-reati, bħal:

- monitoraġġ jew superviżjoni tal-persuni kkundannati;

- irtirar tad-drittijiet tal-ġenituri, jekk l-aħjar interessi tat-tfal, li jistgħu jinkludu s-sikurezza tal-vittma, ma jkunux jistgħu jiġu ggarantiti b'xi mod ieħor.

Artikolu 46 – Ċirkostanzi aggravanti

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li ċ-ċirkostanzi li ġejjin, sakemm ma jkunux diġà jifformaw parti mill-elementi kostitwenti tar-reat, ikunu jistgħu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

interna, jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti fid-determinazzjoni tas-sentenza b'rabta mar-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni:

a ir-reat ikun sar kontra konjuġi jew sieħba preċedenti jew attwali kif rikonoxxut mil-liġi interna, minn membru tal-familja, persuna li tikkoabita mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha;

b ir-reat, jew reati relatati, ikunu saru ripetutament;

ċ ir-reat ikun sar kontra persuna li saret vulnerabbli minħabba ċirkostanzi partikolari;

d ir-reat ikun sar kontra jew fil-preżenza ta' persuna minorenni;

e ir-reat ikun sar minn żewġ persuni jew iktar li jaġixxu flimkien;

f ir-reat ikun ippreċedut jew akkumpanjat minn livelli estremi ta' vjolenza;

g ir-reat ikun sar bl-użu jew bit-theddida ta' arma;

h ir-reat ikun irriżulta fi ħsara fiżika jew psikoloġika severa għall-vittma;

i l-awtur tar-reat ikun diġà ġie kkundannat b'reati ta' natura simili.

Artikolu 47 – Sentenzi mogħtija minn Parti oħra

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jipprovdu l-possibbiltà li jittieħdu f'kunsiderazzjoni s-sentenzi finali mogħtija minn Parti oħra b'rabta mar-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni meta tiġi ddeterminata s-sentenza.

Artikolu 48 – Projbizzjoni tal-għoti ta' sentenzi jew proċessi obbligatorji ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jipprojbixxu l-proċessi obbligatorji ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, inklużi medjazzjoni u konċiljazzjoni, b'rabta mal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li jekk jiġi ordnat il-ħlas ta' multa, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-abbiltà tal-awtur tar-reat li jassumi l-obbligi tiegħu lejn il-vittma.

Kapitolu VI – Investigazzjoni, prosekuzzjoni, liġi proċedurali u miżuri ta' protezzjoni

Artikolu 49 – Obbligi ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti ġudizzjarji b'rabta mal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jitwettqu mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li d-drittijiet tal-vittma jittieħdu f'kunsiderazzjoni matul l-istadji kollha tal-proċeduri kriminali.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji, b'konformità mal-prinċipji fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem u b'kunsiderazzjoni tal-għarfien dwar il-vjolenza abbażi tas-sessi, sabiex jiggarantixxu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tar-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 50 – Rispons immedjat, prevenzjoni u protezzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-aġenziji responsabbli mill-infurzar tal-liġi jwieġbu għall-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni fil-pront u kif xieraq billi joffru protezzjoni adegwata u immedjata lill-vittmi.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-aġenziji responsabbli mill-infurzar tal-liġi jinvolvu ruħhom fil-pront u kif xieraq fil-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra l-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, inkluż bl-applikazzjoni ta' miżuri operattivi ta' prevenzjoni u bil-ġbir ta' evidenza.

Artikolu 51 – Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju ta' letalità, tas-serjetà tas-sitwazzjoni u tar-riskju ta' vjolenza ripetuta mill-awtoritajiet rilevanti sabiex jiġi ġestit ir-riskju u, jekk meħtieġ, sabiex jiġu pprovduti appoġġ u sikurezza kkoordinati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tieħu f'kunsiderazzjoni xierqa, fl-istadji kollha tal-investigazzjoni u tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni, il-fatt li l-awturi ta' atti ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jkollhom fil-pussess tagħhom armi tan-nar jew ikollhom aċċess għalihom.

Artikolu 52 – Ordnijiet ta' projbizzjoni f'każijiet ta' emerġenza

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jordnaw, f'sitwazzjonijiet ta' periklu immedjat, lill-awtur ta' reat ta' vjolenza domestika sabiex jitlaq mir-residenza tal-vittma jew tal-persuna f'riskju għal perjodu ta' żmien suffiċjenti, kif ukoll li jipprojbixxu lill-awtur tar-reat milli jidħol fir-residenza tal-vittma jew tal-persuna f'riskju jew milli jagħmel kuntatt magħha. Il-miżuri meħuda b'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jagħtu prijorità lis-sikurezza tal-vittmi jew tal-persuni f'riskju.

Artikolu 53 – Ordnijiet ta' trażżin jew protezzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu disponibbli ordnijiet ta' trażżin jew protezzjoni xierqa għall-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-ordnijiet ta' trażżin jew protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1:

- ikunu disponibbli għal protezzjoni immedjata u mingħajr ma jiġu imposti piżijiet finanzjarji jew amministrattivi bla bżonn fuq il-vittma;

- jinħarġu għal perjodu speċifikat jew sakemm jiġu mmodifikati jew inkella sakemm jiġi lliberat l-akkużat;

- fejn meħtieġ, jinħarġu fuq bażi *ex parte* b'effett;

- ikunu disponibbli, irrispettivament minn, jew minbarra, proċeduri legali oħrajn;

- jitħallew jiġu introdotti fi proċedimenti legali sussegwenti.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-ksur tal-ordnijiet ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

trażżin jew protezzjoni maħruġa skont il-paragrafu 1 ikun soġġett għal sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi jew sanzjonijiet legali oħrajn.

Artikolu 54 – Investigazzjonijiet u evidenza

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li, fi kwalunkwe proċedimenti ċivili jew kriminali, l-evidenza relatata mal-istorja sesswali u l-kondotta tal-vittma għandha tkun permessa biss meta tkun rilevanti u neċessarja.

Artikolu 55 – Proċeduri *ex parte* u *ex officio*

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni tar-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 35, 36, 37, 38 u 39 ta' din il-Konvenzjoni ma jkunux jiddependu għalkollox fuq rapport jew ilment ippreżentat minn vittma jekk ir-reat ikun sar kompletament jew parzjalment fit-territorju tagħha, kif ukoll li l-proċedimenti jkunu jistgħu jissoktaw anki jekk il-vittma tirtira l-istqarrija jew l-ilment tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiggarantixxu, b'konformità mal-kundizzjonijiet previsti mil-liġi interna tagħhom, il-possibbiltà għall-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi u għall-konsulenti dwar il-vjolenza domestika li jgħinu u/jew jagħtu appoġġ lill-vittmi, fuq talba tagħhom, matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti ġudizzjarji rigward ir-reati stabbiliti b'konformità ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 56 – Miżuri ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi, inklużi l-ħtiġijiet speċjali tagħhom bħala xhieda, fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u tal-proċedimenti ġudizzjarji, b'mod partikolari billi:

a jipprovdu għall-protezzjoni tagħhom, kif ukoll dik tal-familji tagħhom u tax-xhieda, minn intimidazzjoni, ritaljazzjoni u vittimizzazzjoni ripetuta;

b jiżguraw li l-vittmi jiġu infurmati, mill-inqas f'każijiet fejn il-vittmi u l-familja jistgħu jkunu fil-periklu, meta l-awtur tar-reat jaħrab jew meta jiġi lliberat b'mod temporanju jew definittiv;

VERŻJONI ELETTRONIKA

ċ jinformawhom, skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi interna, dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi għad-dispożizzjoni tagħhom, dwar is-segwitu mogħti lill-ilment tagħhom, l-akkużi, il-progress ġenerali tal-investigazzjoni jew tal-proċedimenti u r-rwol tagħhom fihom, kif ukoll dwar l-eżitu tal-kawża tagħhom;

d jippermettu lill-vittmi, b'mod konsistenti mar-regoli proċedurali tal-liġi interna, li jinstemgħu, jipprovdu l-evidenza u jippreżentaw il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tagħhom, direttament jew permezz ta' intermedjarju, u li jiġu kkunsidrati;

e jipprovdu lill-vittmi b'servizzi ta' appoġġ xierqa sabiex id-drittijiet u l-interessi tagħhom jiġu ppreżentati u kkunsidrati kif xieraq;

f jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu adottati miżuri li jipproteġu l-privatezza u l-immaġini tal-vittma;

g jiżguraw li, kull fejn possibbli, jiġi evitat li jkun hemm kuntatt bejn il-vittmi u l-awturi tar-reati fil-Qorti u fil-bini tal-aġenzija tal-infurzar tal-liġi;

h jipprovdu lill-vittmi bis-servizz ta' interpreti kompetenti u indipendenti meta l-vittmi jkunu partijiet mill-proċeduri jew meta jkunu qegħdin jipprovdu l-evidenza;

i jippermettu lill-vittmi jixhdu, skont ir-regoli pprovduti mil-liġi interna tagħhom, fl-awla tal-Qorti mingħajr ma jkunu preżenti jew għall-inqas mingħajr il-preżenza tal-allegat awtur tar-reat, b'mod partikolari permezz tal-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni xierqa, fejn ikunu disponibbli.

2. Vittmi u xhieda minorenni ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika għandhom jingħataw, fejn xieraq, miżuri ta' protezzjoni speċjali li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal.

Artikolu 57 – Għajnuna legali

Il-Partijiet għandhom jipprovdu għad-dritt għal assistenza legali u għal għajnuna legali bla ħlas għall-vittmi skont il-kundizzjonijiet ipprovduti mil-liġi interna tagħhom.

Artikolu 58 – Statut ta' limitazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi u miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-istatut ta' limitazzjoni għall-bidu ta' kwalunkwe proċedimenti legali fir-rigward tar-reati stabbiliti b'konformità mal-Artikoli 36, 37, 38 u 39 ta' din il-Konvenzjoni jkompli għal perjodu ta' żmien li jkun suffiċjenti u proporzjonat mal-gravità tar-reat inkwistjoni, sabiex il-proċedimenti jkunu jistgħu jinbdew b'mod effiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġorenni.

Kapitolu VII – Migrazzjoni u ażil

Artikolu 59 – Status ta' residenza

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-vittmi li l-istatus ta' residenza tagħhom jiddependi fuq dak tal-konjuġi jew tas-sieħeb tagħhom, kif rikonoxxut mil-liġi interna, fil-każ ta' xoljiment taż-żwieġ jew tar-relazzjoni, jingħataw, f'każ ta' ċirkostanzi partikolarment diffiċili u wara applikazzjoni, permess ta' residenza awtonomu, irrispettivament mit-tul taż-żwieġ jew tar-relazzjoni. Il-kundizzjonijiet marbuta mal-għoti u mat-tul taż-żmien tal-permess ta' residenza awtonomu huma stabbiliti mil-liġi interna.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jiksbu s-sospensjoni tal-proċedimenti ta' espulsjoni mibdija fir-rigward ta' status ta' residenza dipendenti fuq dak tal-konjuġi jew tas-sieħeb kif rikonoxxut mil-liġi interna sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal permess ta' residenza awtonomu.

3. Il-partijiet għandhom joħorġu permess ta' residenza rinnovabbli lill-vittmi f'waħda miż-żewġ sitwazzjonijiet segwenti jew fit-tnejn li huma:

a meta l-awtorità kompetenti tqis li r-residenza tagħhom tkun neċessarja minħabba s-sitwazzjoni personali tagħhom;

b meta l-awtorità kompetenti tikkunsidra li r-residenza tagħhom tkun neċessarja għall-iskop tal-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti fl-investigazzjoni jew fi proċedimenti kriminali.

4. Il-partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jiżguraw li l-vittmi ta' żwieġ sfurzat miġjuba f'pajjiż ieħor għall-iskop taż-żwieġ u li, bħala riżultat, tilfu l-istatus ta' residenza tagħhom fil-pajjiż fejn normalment jgħixu, jerġgħu

VERŻJONI ELETTRONIKA

jieħdu dan l-istatus.

Artikolu 60 – Talbiet għall-ażil abbażi tas-sess

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jassiguraw li l-vjolenza sessista kontra n-nisa tkun tista' tiġi rikonoxxuta bħala forma ta' persekuzzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1, A (2), tal-Konvenzjoni tal-1951 rigward l-Istatus ta' Refuġjati u bħala forma ta' dannu serju li tagħti lok għal protezzjoni kumplimentari/sussidjarja.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li tingħata interpretazzjoni sensittiva għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi għal kull raġuni tal-Konvenzjoni u li fejn ikun stabbilit li l-biża' ta' persekuzzjoni hi għal waħda jew iktar minn dawn ir-raġunijiet, l-applikanti għandhom jingħataw status ta' refuġjat skont l-istrumenti rilevanti applikabbli.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jiżviluppaw proċeduri ta' akkoljenza u servizzi ta' appoġġ sensittivi għal kwistjonijiet relatati mas-sessi għall-applikanti għall-ażil kif ukoll għal linji gwida għas-sessi u proċeduri għall-ażil sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi inkluż l-eżami tal-istatus ta' refuġjat u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Artikolu 61 – *Non-refoulement*

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jiġi rispettat il-prinċipju ta' *non-refoulement* skont obbligi eżistenti skont id-dritt internazzjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jassiguraw li l-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa li jeħtieġu protezzjoni, irrispettivament mill-istatus jew residenza tagħhom, fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jirritornaw lejn kwalunkwe pajjiż fejn il-ħajja tagħhom tkun f'riskju jew fejn jistgħu jkunu soġġetti għal tortura jew trattament jew piena inumana jew degredanti.

Kapitolu VIII – Kooperazzjoni internazzjonali

Artikolu 62 – Prinċipji ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom, skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, u permezz tal-applikazzjoni ta' strumenti rilevanti internazzjonali u reġjonali dwar il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kooperazzjoni dwar materji ċivili u kriminali, arranġamenti li jkun sar qbil fuqhom skont leġiżlazzjoni uniformi jew reċiproka u liġijiet interni, f'kuntest kemm jista' jkun wiesa', għall-iskop:

a tal-prevenzjoni, il-ġlieda u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni;

b li l-vittmi jiġu protetti u pprovduti b'assistenza;

ċ tal-investigazzjonijiet jew proċeduri li jirrigwardaw ir-reati stabbiliti skont din il-Konvenzjoni;

d li jiġu eżegwiti s-sentenzi ċivili u kriminali rilevanti mogħtija mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Partijiet inkluż ordnijiet ta' protezzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi neċessarji jew miżuri oħrajn biex jassiguraw li l-vittmi ta' reat stabbilit skont din il-Konvenzjoni u li jkun sar fit-territorju ta' Parti oħra apparti minn dik fejn jgħixu jkunu jistgħu jagħmlu lment quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tar-residenza tagħhom.

3. Jekk xi Parti li tagħmel assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-estradizzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ċivili jew kriminali imposti minn Parti oħra għal din il-Konvenzjoni kondizzjonali għall-eżistenza ta' trattat tirċievi talba għal tali kooperazzjoni legali minn Parti li magħha ma kkonkludietx tali trattat, tista' tqis lil din il-Konvenzjoni bħala l-bażi ġuridika għal assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-estradizzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ċivili jew kriminali imposti minn Parti oħra fir-rigward tar-reati stabbiliti skont din il-Konvenzjoni.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jintegraw, fejn xieraq, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fi programmi ta' assistenza għall-iżvilupp ipprovduti għall-benefiċċju ta' Stati terzi, inkluż billi jidħlu fi ftehim bilaterali u multilaterali ma' Stati terzi bil-ħsieb li jiffaċilitaw il-protezzjoni tal-vittmi skont l-Artikolu 18, paragrafu 5.

Artikolu 63 – Miżuri relatati ma' persuni f'riskju

Meta xi Parti, skont l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, ikollha raġunijiet validi biex temmen li persuna tinsab f'riskju imminenti li tisfa soġġetta għal xi atti ta' vjolenza msemmija fl-Artikoli 36, 37, 38 u 39 ta' din il-Konvenzjoni fit-territorju ta' Parti

VERŻJONI ELETTRONIKA

oħra, il-Parti li għandha l-informazzjoni hi mħeġġa biex tibgħatha bla dewmien lil din tal-aħħar għall-iskop li jiġi żgurat li jittieħdu l-miżuri ta' protezzjoni neċessarji. Fejn ikun applikabbli, din l-informazzjoni għandha tinkludi dettalji dwar dispożizzjonijiet ta' protezzjoni eżistenti għall-benefiċċju tal-persuna f'riskju.

Artikolu 64 – Informazzjoni

1. Il-Parti rikjesta għandha tinforma mill-ewwel lill-Parti rikjedenti bir-riżultat finali dwar l-azzjoni meħuda skont dan il-kapitolu. Il-Parti rikjesta għandha wkoll tinforma mill-ewwel lill-Parti rikjedenti dwar kull ċirkostanza li tagħmilha impossibbli li titwettaq l-azzjoni rikjesta jew li probabbli tittardjaha b'mod sinifikanti.

2. Parti tista', fil-limiti tal-liġi interna tagħha, mingħajr talba minn qabel, tgħaddi lil Parti oħra informazzjoni miksuba fi ħdan il-qafas tal-investigazzjonijiet tagħha meta tqis li d-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tista' tgħin lill-Parti riċeventi biex tipprevjeni reati kriminali stabbiliti skont din il-Konvenzjoni jew biex tibda jew tagħmel investigazzjonijiet jew proċeduri li jirrigwardaw tali reati kriminali jew li tista' twassal għal talba għal kooperazzjoni minn dik il-Parti skont dan il-Kapitolu.

3. Parti li tirċievi xi informazzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tissottometti tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħha biex ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri jekk ikunu meqjusin xierqa, jew li din l-informazzjoni tkun tista' tiġi kkunsidrata fil-proċedimenti ċivili u kriminali rilevanti.

Artikolu 65 – Protezzjoni tad-*Data*

Data personali għandha tinħażen u tintuża skont l-obbligi aċċettati mill-Partijiet skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (ETS Nru 108).

Kapitolu IX – Mekkaniżmu ta' monitoraġġ

Artikolu 66 – Grupp ta' esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika

1. Il-Grupp ta' esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "GREVIO") għandu jimmonitorizza l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni mill-Partjiet.

2. GREVIO għandu jkun kompost minn minimu ta' 10

VERŻJONI ELETTRONIKA

membri u massimu ta' 15-il membru, u wieħed għandu jikkunsidra bilanċ ġeografiku u bejn is-sessi, kif ukoll esperjenza multidixxiplinari. Il-membri tiegħu għandhom ikunu eletti mill-Kumitat tal-Partijiet minn fost il-kandidati nnominati mill-Partijiet għal mandat ta' erba' snin, li jiġġedded darba, u jintgħażlu minn fost ċittadini tal-Partijiet.

3. L-elezzjoni inizjali ta' 10 membri għandha ssir fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. L-elezzjoni ta' 5 membri addizzjonali għandha ssir wara l-25 ratifika jew adeżjoni.

4. L-elezzjoni tal-membri ta' GREVIO għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

a dawn għandhom jintgħażlu skont proċedura trasparenti minn fost persuni ta' karattru morali għoli, magħrufa għall-kompetenza rikonoxxuta tagħhom fl-oqsma tad-drittjiet umani, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, jew fl-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi jew li jkunu wrew esperjenza professjonali fl-oqsma koperti minn din il-Konvenzjoni;

b l-ebda żewġ membri ta' GREVIO ma jistgħu jkunu ċittadini tal-istess Stat;

ċ huma għandhom jirrappreżentaw is-sistemi legali ewlenin;

d huma għandhom jirrappreżentaw l-atturi u l-aġenziji rilevanti fil-kamp tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

e huma għandhom iservu fil-kapaċità individwali tagħhom u għandhom ikunu indipendenti u imparzjali fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom, u għandhom ikunu kapaċi jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod effettiv.

5. Il-proċedura tal-elezzjoni tal-membri ta' GREVIO għandha tiġi stabbilita mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, wara li jikkonsulta ma' u jikseb il-kunsens unanimu tal-Partijiet fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni.

6. GREVIO għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

7. Membri ta' GREVIO, u membri oħrajn tad-delegazzjonijiet li jagħmlu ż-żjarat fil-pajjiżi stabbiliti fl-Artikolu 68,

VERŻJONI ELETTRONIKA

paragrafi 9 u 14, għandhom igawdu l-privileġġi u l-immunitajiet stabbiliti fl-appendiċi ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 67 – Kumitat tal-Partijiet

1. Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jkun kompost mir-rappreżentanti tal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni.

2. Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jitlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-ewwel laqgħa tiegħu għandha ssir fi żmien perjodu ta' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni biex jiġu eletti l-membri ta' GREVIO. Sussegwentement dan għandu jiltaqa' kull darba li jintalab minn terz tal-Partijiet, il-President tal-Kumitat tal-Partijiet jew is-Segretarju Ġenerali.

3. Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Artikolu 68 – Proċedura

1. Il-Partijiet għandhom jissottomettu rapport, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, ibbażat fuq kwestjonarju ppreparat minn GREVIO, dwar il-miżuri leġiżlattivi u miżuri oħrajn għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, għall-konsiderazzjoni ta' GREVIO.

2. GREVIO għandu jikkunsidra r-rapport sottomess skont il-paragrafu 1 mar-rappreżentanti tal-Parti kkonċernata.

3. Proċeduri ta' evalwazzjoni sussegwenti għandhom jinqasmu f'sessjonijiet, li t-tul tagħhom jiġi ddeterminat minn GREVIO. Fil-bidu ta' kull sessjoni, GREVIO għandu jagħżel id-dispożizzjonijiet speċifiċi li fuqhom se tkun ibbażata l-proċedura tal-evalwazzjoni u għandu jibgħat kwestjonarju.

4. GREVIO għandu jiddefinixxi l-mezzi xierqa biex tkun tista' ssir il-proċedura ta' monitoraġġ. Hu jista' b'mod partikolari jadotta kwestjonarju għal kull sessjoni ta' evalwazzjoni, li għandu jservi bħala bażi għall-proċedura ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni mill-Partijiet. Dan il-kwestjonarju għandu jiġi indirizzat lill-Partijiet kollha. Il-Partijiet għandhom iwieġbu dan il-kwestjonarju, kif ukoll kull talba oħra għal informazzjoni mingħand GREVIO.

5. GREVIO jista' jirċievi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili, kif ukoll minn istituzzjonijiet għall-ħarsien tad-drittijiet umani.

VERŻJONI ELETTRONIKA

6. GREVIO għandu jagħti l-kunsiderazzjoni dovuta lill-informazzjoni eżistenti disponibbli minn strumenti u korpi reġjonali u internazzjonali oħra f'oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

7. Meta jadotta kwestjonarju għal kull sessjoni ta' evalwazzjoni, GREVIO għandu jagħti l-kunsiderazzjoni dovuta lill-ġbir ta' *data* u r-riċerka eżistenti mill-Partijiet kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' din il-Konvenzjoni.

8. GREVIO jista' jirċievi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Kummissarju għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari u korpi speċjalizzati rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll minn dawk stabbiliti skont strumenti intenazzjonali oħrajn. Ilmenti ppreżentati lil dawn il-korpi u r-riżultati tagħhom se jkunu disponibbli għal GREVIO.

9. GREVIO jista' sussidjarjament jorganizza żjarat fil-pajjiżi, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u bl-assistenza ta' esperti nazzjonali indipendenti, jekk l-informazzjoni miksuba ma tkunx suffiċjenti jew f'każijiet previsti fil-paragrafu 14. Matul dawn iż-żjarat, GREVIO jista' jkun assistit minn speċjalisti f'oqsma speċifiċi.

10. GREVIO għandu jipprepara abbozz ta' rapport li jkun fih l-analiżi tiegħu rigward l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fuqhom hi bbażata l-evalwazzjoni, kif ukoll bis-suġġerimenti u proposti rigward il-mod li bih il-Parti kkonċernata tista' tittratta l-problemi li ġew identifikati. L-abbozz tar-rapport għandu jintbagħat għall-kummenti lill-Parti li tkun qed tiġi evalwata. Il-kummenti tagħha għandhom jiġu kkunsidrati minn GREVIO meta jadotta r-rapport tiegħu.

11. Fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha rċevuta u l-kummenti mill-Partijiet, GREVIO għandu jadotta r-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu rigward il-miżuri li ttieħdu mill-Parti kkonċernata biex timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Dan ir-rapport u l-konklużjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Parti kkonċernata u lill-Kumitat tal-Partijiet. Ir-rapport u l-konklużjonijiet ta' GREVIO għandhom ikunu pubbliċi minn wara l-adozzjoni tagħhom, flimkien ma' kummenti eventwali mill-Parti kkonċernata.

12. Bla preġudizzju għall-proċedura fil-paragrafi 1 sa 8, il-Kumitat tal-Partijiet jista' jadotta, skont ir-rapport u l-konklużjonijiet ta' GREVIO, ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil din il-Parti (a) rigward il-miżuri li jridu jittieħdu biex jiġu implimentati l-konklużjonijiet ta' GREVIO, u jekk ikun hemm bżonn jissettja data

VERŻJONI ELETTRONIKA

biex tintbagħat informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom, u (b) immirati lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ma' dik il-Parti għall-implimentazzjoni kif xieraq ta' din il-Konvenzjoni.

13. Jekk GREVIO jirċievi informazzjoni affidabbli li tindika sitwazzjoni fejn il-problemi jirrikjedu attenzjoni immedjata biex tiġi impeduta jew limitata l-iskala jew in-numru ta' kontravenzjonijiet serji tal-Konvenzjoni, hu jista' jitlob is-sottomissjoni b'urġenza ta' rapport speċjali rigward il-miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' tendenza serja, massiva jew persistenti, ta' vjolenza kontra n-nisa.

14. Meta jqis l-informazzjoni mibgħuta mill-Parti kkonċernata, kif ukoll kull informazzjoni affidabbli oħra disponibbli għalih, GREVIO jista' jaħtar membru wieħed minn tiegħu jew iktar biex imexxi inkjesta u biex jirrapporta b'mod urġenti lil GREVIO. Fejn ikun iġġustifikat u bil-kunsens tal-Parti, l-inkjesta tista' tinkludi żjara fit-territorju tagħha.

15. Wara li jeżamina s-sejbiet tal-inkjesta msemmija fil-paragrafu 14, GREVIO għandu jittrażmetti dawn is-sejbiet lill-Parti kkonċernata u, fejn ikun xieraq, lill-Kumitat tal-Partijiet u lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa flimkien ma' xi kummenti u rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 69 – Rakkomandazzjonijiet ġenerali

GREVIO jista' jadotta, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni kif xieraq ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 70 – Involviment parlamentari fil-monitoraġġ

1. Il-parlamenti nazzjonali għandhom ikunu mistiedna jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-miżuri meħudin għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jissottomettu r-rapporti ta' GREVIO lill-parlamenti nazzjonali tagħhom.

3. L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tkun mistiedna biex regolarment tagħmel rendikont tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Kapitolu X – Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn

Artikolu 71 – Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn

1. Din il-Konvenzjoni m'għandhiex taffettwa l-obbligi li joħorġu minn strumenti internazzjonali oħrajn li l-Partijiet għal din il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Konvenzjoni huma Partijiet jew se jsiru Partijiet għalihom u li jkun fihom dispożizzjonijiet fuq materji regolati b'din il-Konvenzjoni.

2. Il-Partijiet għal din il-Konvenzjoni jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' xulxin dwar il-materji ttrattati f'din il-Konvenzjoni, għall-iskop li jissupplimentaw jew isaħħu d-dispożizzjonijiet tagħha jew jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipji inkorporati fiha.

Kapitolu XI – Emendi għall-Konvenzjoni

Artikolu 72 – Emendi

1. Kull proposta għal emenda għal din il-Konvenzjoni ppreżentata minn xi Parti għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa u tintbagħat minnha jew minnu lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, lil kull firmatarju, kull Parti, l-Unjoni Ewropea, kull Stat mistieden biex jiffirma din il-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 75, u kull Stat mistieden biex jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76.

2. Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jikkunsidra l-emenda proposta u wara li jikkonsulta mal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni li mhumiex membri tal-Kunsill tal-Ewropa, jista' jadotta l-emenda bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. It-test ta' kull emenda adottata mill-Kumitat tal-Ministri skont il-paragrafu 2 għandu jintbagħat lill-Partijiet għall-aċettazzjoni.

4. Kull emenda adottata skont il-paragrafu 2 għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' xahar wara d-data li fiha l-Partijiet kollha jkunu infurmaw lis-Segretarju Ġenerali bl-aċċettazzjoni tagħhom.

Kapitolu XII – Klawżoli finali

Artikolu 73 – Effetti ta' din il-Konvenzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni m'għandhomx jippreġudikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi interna u ta' strumenti internazzjonali vinkolanti li diġà huma fis-seħħ jew li jistgħu jidħlu fis-seħħ, skont liema jingħataw drittijiet iktar favorevoli jew lil persuni li jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Artikolu 74 – Soluzzjoni għat-tilwim

1. Il-Partijiet għal xi tilwima li tista' tinqala' rigward l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom l-ewwel ifittxu li jsolvuha b'mezzi ta' negozjar, konċiljazzjoni, arbitraġġ jew b'xi metodu ieħor ta' soluzzjoni paċifika aċċettat bi qbil reċiproku bejniethom.

2. Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista' jistabbilixxi proċeduri ta' soluzzjoni biex ikunu disponibbli għall-użu mill-Partijiet f'tilwima jekk dawn jaqblu dwar dan.

Artikolu 75 – Iffirmar u dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għal iffirmar mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha u l-Unjoni Ewropea.

2. Din il-Konvenzjoni hi soġġetta għar-ratifika, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha 10 firmatarji, inkluż tal-inqas 8 Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jkunu marbutin bil-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

4. Rigward kull Stat imsemmi fil-paragrafu 1 jew l-Unjoni Ewropea, li sussegwentement jesprimi l-kunsens biex jintrabat biha, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tagħha.

Artikolu 76 – Adeżjoni mal-Konvenzjoni

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni u wara li jikseb il-kunsens unanimu tagħhom, jistieden lil kull Stat mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa, li ma pparteċipax fl-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni, biex jaderixxi għal din il-Konvenzjoni b'deċiżjoni meħuda mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet intitolati li jpoġġu fuq il-Kumitat tal-Ministri.

2. Rigward kull Stat ta' adeżjoni, il-Konvenzjoni għandha

VERŻJONI ELETTRONIKA

tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha jkun ġie ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 77 – Applikazzjoni territorjali

1. Kull Stat jew l-Unjoni Ewropea, fil-ħin tal-iffirmar jew meta jiġi ddepożitat l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tiegħu, jista' jispeċifika t-territorju jew territorji li din il-Konvenzjoni tkun se tapplika għalihom.

2. Kull Parti tista', fi kwalunkwe data iktar tard, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għal xi territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni u li hi tkun responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu jew li hi awtorizzata li tassumi impenji f'ismu. Fir-rigward ta' tali territorju, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li tali dikjarazzjoni tkun waslet għand is-Segretarju Ġenerali.

3. Kull dikjarazzjoni li ssir skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kull territorju speċifikat f'tali dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar isir effettiv fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li tali notifika tkun waslet għand is-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 78 – Riżervi

1. Ma tista' ssir l-ebda riżerva fir-rigward tal-ebda dispożizzjoni ta' din il-Konvenzjoni, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Kull Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fil-ħin tal-firma jew meta jiddepożitaw l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tiegħu, jew b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jiddikjara li jirriserva d-dritt li ma japplikax jew japplika biss f'każijiet speċifiċi jew jikkundizzjona d-dispożizzjonijiet stabbiliti:

fl-Artikolu 30, il-paragrafu 2;

fl-Artikolu 44, il-paragrafi 1.e, 3 u 4;

fl-Artikolu 55, il-paragrafu 1 fir-rigward tal-Artikolu 35 dwar reati minuri;

VERŻJONI ELETTRONIKA

fl-Artikolu 58 fir-rigward tal-Artikoli 37, 38 u 39;

fl-Artikolu 59.

3. Kull Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fil-ħin tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tiegħu, jew b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jiddikjara li jirriserva d-dritt li jipprovdi għal sanzjonijiet mhux kriminali, minflok sanzjonijiet kriminali, għall-imġiba msemmija fl-Artikoli 33 u 34.

4. Kull Parti tista' tirtira totalment jew parzjalment riżerva permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Din id-dikjarazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data meta tkun waslet għand is-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 79 – Validità u reviżjoni tar-riżervi

1. Ir-riżervi msemmija fl-Artikolu 78, paragrafi 2 u 3, għandhom ikunu validi għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward tal-Parti kkonċernata. Madankollu, tali riżervi jistgħu jiġġeddu għal perjodi tal-istess durata.

2. Tmintax-il xahar qabel id-data tal-iskadenza tar-riżerva, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jagħti notifika ta' dik l-iskadenza lill-Parti kkonċernata. Mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza, il-Parti għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali li qed tikkonferma, temenda jew tirtira r-riżerva tagħha. Fin-nuqqas ta' notifika mill-Parti kkonċernata, is-Segretarjat Ġenerali għandu jinforma lil dik il-Parti li r-riżerva tagħha hi kkunsidrata li kienet estiża awtomatikament għal perjodu ta' sitt xhur. In-nuqqas mill-Parti kkonċernata li tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tikkonferma jew timmodifika r-riżerva tagħha qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jirriżulta fl-iskadenza tar-riżerva.

3. Jekk xi Parti tagħmel riżerva skont l-Artikolu 78, paragrafi 2 u 3, hi għandha tipprovdi spjegazzjoni lil GREVIO bir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tkomplija tagħha, qabel iġġeddidha jew meta tkun mitluba.

Artikolu 80 – Denunzja

1. Kull Parti tista', fi kwalunkwe ħin, tiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Tali denunzja għandha tiġi effettiva fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur mid-data meta s-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Segretarju Ġenerali jkun irċieva n-notifika.

Artikolu 81 – Notifika

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha, kull firmatarju, kull Parti, l-Unjoni Ewropea u kull Stat mistieden biex jaderixxi f'din il-Konvenzjoni:

a b'kull firma;

b bid-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

ċ b'kull data ta' dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni skont l-Artikoli 75 u 76;

d b'kull emenda adottata skont l-Artikolu 72 u d-data li fiha tidħol fis-seħħ tali emenda;

e b'kull riserva u rtirar ta' riserva li jkunu saru skont l-Artikolu 78;

f b'kull denunzja li tkun saret skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 80;

g b'kull att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatata ma' din il-Konvenzjoni.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, li jkunu awtorizzati li jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmula f'Istanbul, illum il-11-il jum ta' Mejju 2011, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li sejra tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji ċertifikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, lill-Unjoni Ewropea u lil kull Stat li jkun mistieden jaderixxi għal din il-Konvenzjoni.

Taqsima IV
Emendi Konsegwenzjali

Emendi għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

24. Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-artikolu 6 tiegħu għandu jiżdied l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

artikolu ġdid li ġej:

"Azzjonijiet kriminali għandhom jiġu solvuti mingħajr dewmien mhux neċessarju.

6A. Azzjonijiet kriminali għandhom jiġu riżolti mingħajr dewmien mhux neċessarju, waqt li jitqies il-bżonn li jiġu protetti s-sigurtà u l-benesseri tal-parti leża.";

(b) minnufih wara l-artikolu 15 tiegħu għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumpens għal vittmi ta' kriminalità.

15A. (1) B'żieda ma' kull piena li persuna li tinstab ħatja ta' reat tista' tingħata b'sentenza, il-Qorti tista' tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Meta tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tqis kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.";

(ċ) fl-artikolu 18 tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-istess dispożizzjoni tal-liġi" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi";

(d) l-artikolu 28H tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew ħsara oħra" għandhom jiżdiedu l-kliem ", inkluż ħsara morali u, jew psikoloġika,";

(ii) is-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4), (5), (6), (7) u (8) rispettivament;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tqis kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma."; u

(iv) fis-subartikolu (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "fis-subartikolu (4)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (5)";

(e) l-artikolu 85 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "multa." għandha tidħol il-kelma "multa:";

(ii) minnufih wara l-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.";

(f) l-intestatura tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "FUQ ID-DELITTI LI JAFFETTWAW ID-DINJITÀ TAL-PERSUNI";

(g) l-artikolu 197 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn sitta sa tnax-il sena";

(ii) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "minn sena sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn tlieta sa sitt snin";

(iii) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5);

(iv) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(4) Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fis-subartikoli preċedenti għandha tiżdied bi grad jew b'żewġ gradi fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 202, kif ikun applikabbli.";

(h) l-artikolu 198 tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Stupru. 198. (1) Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena:

Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.

(2) Kull min, bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, jikkaġuna persuna oħra sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali msemmija fis-subartikolu preċedenti ma' kwalunkwe persuna oħra jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.

(3) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) B'żieda ma' kull piena li tista' tingħata b'sentenza lil min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu, il-Qorti tista' tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa jew rikavat minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(5) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (4), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tikkunsidra kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.";

(i) l-artikolu 199 tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Serq ta' persuna.

199. (1) Kull min jisraq persuna, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil tali persuna jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitta sa tnax-il sena.

(2) Il-piena stabbilita fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi meta persuna tisraq, b'qerq jew b'seduzzjoni, persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena.";

(j) l-artikolu 200 tiegħu għandu jitħassar;

(k) fl-artikolu 201 tiegħu l-kliem "jitqies dejjem bħala vjolent" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jitqies dejjem li sar mingħajr kunsens";

(l) l-artikolu 202 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew ħlas ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem ", jew kull

VERŻJONI ELETTRONIKA

persuna oħra li b'xi mod ieħor abbużat mill-awtorità tagħha fuq il-parti offiża";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "fuq persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena" għandhom jitħassru;

(iii) fil-paragrafu (e) tiegħu, minnufih wara l-kliem "armi regolari" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew armi irregolari";

(iv) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "li fuqha jsir l-istupru" għandhom jidħlu l-kliem "li ġiet stuprata";

(v) il-paragrafu (h)(i) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili, jew koabitant; jew;";

(vi) fil-paragrafu (h)(iii) tiegħu, il-kelma "naturali" għandha titħassar;

(vii) fil-paragrafu (h)(v) tiegħu, minflok il-kelma "sena" għandhom jidħlu l-kliem "tliet snin";

(viii) fil-paragrafu (n) tiegħu, minflok il-kliem "ta' xorta simili." għandhom jidħlu l-kliem "ta' xorta simili:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà jipprovdu għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, għandha tiġi mogħtija l-ogħla piena.";

(m) l-artikolu 203 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull min, b'għemil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tmien snin:

Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn sitta sa tnax-il sena, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fiżika, kif ukoll dik psikoloġika;

(b) jekk id-delitt isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena b'theddid jew b'qerq;

(ċ) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-ġenituri adottivi, jew mit-tutur, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, tkun ġiet fdata l-persuna ta' taħt is-sittax-il sena sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha;

(d) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni ta' fiduċja, awtorità, influwenza, jew waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala professjonist li jkun fil-pussess ta' kwalifika uffiċjali, u, jew *warrant* ta' prattika bħala *counsellor*, edukatur, terapista tal-familja, prattikant mediku, infermier, patologu, psikjatra, psikologu, psikoterapista, *social worker*, u, jew *youth worker* fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn taħt:

(i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja ta' persuna ta' taħt is-sittax-il sena;

(ii) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(iii) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1).";

(ii) il-*provisos* għas-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Iżda meta l-parti offiża tirtira l-kwerela, il-Qorti tista' tiddeċiedi u tordna l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti kontra l-allegat awtur, wara li tikkonsidra b'mod partikolari l-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni

VERŻJONI ELETTRONIKA

relevanti oħra, u għandha tivverbalizza dik ir-rikjesta u deċiżjoni biex jiġu reġistrati fl-atti tal-kawża:

Iżda, ukoll, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn waħda miċ-ċirkostanzi ta' fatt jew ta' persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (ċ), il-kwerela ma tkunx iżjed ammissibbli wara sena minn dakinhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd tagħmel il-kwerela minflok il-parti offiża:

Iżda, ukoll, jitmexxa *ex officio* meta l-għemil isir b'abbuż tas-setgħa ta' ġenitur jew ta' tutur.";

(n) l-artikolu 203A tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "minn tliet snin sa sitt snin";

(ii) fil-proviso minflok il-kliem "għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn erba' snin sa tmien snin";

(o) l-artikolu 204 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "sentejn sa ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "tliet snin sa sitt snin";

(ii) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tlieta sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "sitt snin sa disa' snin";

(p) l-artikolu 204A tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tlieta sa tnax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "sitta sa tnax-il sena";

(ii) il-kliem "bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jitħassru.

(q) l-artikolu 204B tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn sentejn sa disa' snin, bir-reklużjoni jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn ħames sa għaxar snin";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "minn tliet snin sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn sitta sa tnax-il sena";

(r) l-artikolu 204Ċ tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-età ta sittax-il sena.

204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.

(2) Il-piena stabbilita għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) jekk ir-reat isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid;

(b) meta jingħataw flus jew għamliet oħra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens għal persuna ta' taħt is-sittax-il sena li tkun qiegħda tipparteċipa f'attivitajiet sesswali; jew

(ċ) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni ta' fiduċja, awtorità, influwenza, jew waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala professjonist li jkun fil-pusses ta' kwalifika uffiċjali, u, jew *warrant* ta' prattika bħala *counsellor*, edukatur, terapista tal-familja, prattikant mediku, infermier, patologu, psikjatra, psikologu, psikoterapista, *social worker*, u, jew *youth worker* fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn taħt:

(i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja ta' persuna ta' taħt is-sittax-il sena;

(ii) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq il-persuna ta' taħt is-sittax-il sena;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1).";

(s) l-artikolu 204D tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn tlieta sa għaxar snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn ħamsa sa għaxar snin";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jitħassru;

(t) l-artikolu 205 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha" għandhom jidħlu l-kliem "minn tlieta sa seba' snin";

(ii) minflok il-kliem "minn sentejn sa seba' snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn erbgħa sa disa' snin";

(u) l-artikolu 207 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "Att ta' natura sesswali mingħajr kunsens.";

(ii) minflok il-kliem "attentat vjolent għall-pudur" għandhom jidħlu l-kliem "att ta' natura sesswali mingħajr kunsens";

(iii) minflok il-kliem "minn tliet xhur sa sena" għandhom jidħlu l-kliem "minn tliet snin sa seba' snin";

(v) l-artikolu 208AA tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "minn sentejn sa ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn tliet snin sa sitt snin";

(ii) fis-subartikolu (2) il-kliem "bir-reklużjoni jew mingħajrha," għandhom jitħassru;

(w) l-artikolu 208E tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA

"għal żmien sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (€3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jidħlu l-kliem "għal ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn tmint elef euro (€8,000)";

(ii) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "meħud mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew film" għandhom jitħassru;

(x) fl-artikolu 216 tiegħu minflok il-kliem "minn tliet xhur sa tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn sena sa seba' snin";

(y) l-artikolu 217 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "minn ħames xhur sa erba' snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn sentejn sa għaxar snin";

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jisplodi, il-piena minima għandha tkun priġunerija għal erba' snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx.";

(z) fl-artikolu 218 tiegħu minflok il-kliem "minn disa' xhur sa disa' snin" għandhom jidħlu l-kliem "minn ħamsa sa għaxar snin";

(aa) l-artikolu 220 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1)(b) tiegħu, minflok il-kliem "erba' snin sa tnax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "sitt snin sa tnax-il sena";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tliet snin sa disa' snin" għandhom jidħlu l-kliem "ħames snin sa għaxar snin";

(ab) l-artikolu 221 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa" għandhom jidħlu l-kliem "għal żmien mhux iżjed minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

ħames snin jew il-multa";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "għal żmien minn xahrejn sa sena" għandhom jidħlu l-kliem "minn sentejn sa seba' snin";

(aċ) minnufih wara s-subartikolu (6) tal-artikolu 222A tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, għandha tiġi mogħtija l-ogħla piena.";

(ad) fl-artikolu 248A tiegħu, minflok il-kliem "minn erbgħa sa tnax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "minn sitta sa tnax-il sena";

(ae) l-artikolu 249 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn xahar sa sitt xhur" għandhom jidħlu l-kliem "minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn ħames telef euro (€5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "biż-żieda tal-multa" għandhom jidħlu l-kliem ", hekk iżda li dik il-multa m'għandhiex tkun aktar minn għaxart elef euro (€10,000)";

(af) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 251 tiegħu, minflok il-kliem "Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa" għandhom jidħlu l-kliem "Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg";

(ag) l-artikolu 251A għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"Il-fastidju. 251A. (1) Persuna li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew

(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew

(ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimità fiżika; jew

(d) titlob favuri sesswali mingħand persuna oħra; jew

(e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).";

(ah) l-artikolu 251AA tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra li tibża' għas-sigurtà tagħha.";

(ii) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 251AA, il-kelma "u" għandha tiġi mħassra;

(iii) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 251AA, minnufih wara l-kliem "tal-persuna l-oħra" għandha tiġi miżjuda l-kelma ", u"; u

(iv) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "sitt xhur sa tnax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "sena sa sentejn";

(ai) fis-subartikolu (5) tal-artikolu 251BA tiegħu, minflok il-kliem "disa' xhur" għandha tidħol il-kelma "sentejn";

(aj) l-artikolu 251E tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tliet

VERŻJONI ELETTRONIKA

snin sa disa' snin" għandhom jidħlu l-kliem "ħames snin sa għaxar snin";

(ii) fil-paragrafu (a)(ii) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "erba' snin sa tnax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "sitt snin sa tnax-il sena";

(iii) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tliet snin sa disa' snin" għandhom jidħlu l-kliem "sitt snin sa tnax-il sena";

(iv) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "Kull min jgħin, iħajjar, jagħti parir, jew iħabrek" għandhom jidħlu l-kliem "Kull min jgħin, iħajjar, jagħti parir, iħabrek, jew jisforza";

(ak) minnufih wara l-artikolu 251G tiegħu għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Ġbid b'qerq ta' persuna għat-territorju ta' Stat ieħor għal żwieġ furzat.

251GA. Kull min bl-użu tal-forza, tixħim, qerq, deprivazzjoni tal-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, jiġbed b'qerq persuna oħra fit-territorju ta' Stat ieħor għajr dak li fih tgħix bil-għan li jġiegħel tali persuna biex tiżżewweġ jeħel, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn erbgħa sa sitt snin.";

(al) minnufih wara l-artikolu 251H tiegħu għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Aggravju.

251HA. Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.";

(am) l-artikolu 257D tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra" għandhom jiżdiedu l-kliem "inkluż dannu morali u

VERŻJONI ELETTRONIKA

psikoloġiku";

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, kif emendat, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tikkunsidra kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.";

(an) minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 346 tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Pulizija, fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-protezzjoni immedjata tal-vittmi wara li ssir valutazzjoni skont il-każ.";

(ao) f'subparagrafu (ii) tal-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 355E tiegħu, minflok il-kliem "tinbidel jew tinqered." għandhom jidħlu l-kliem "tinbidel jew tinqered; jew" u minnufih wara l-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 355E tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) id-dħul ikun neċessarju għall-protezzjoni ta' xi persuna.";

(ap) fl-artikolu 355W tiegħu, minflok il-kliem "li jolqot il-paċi u l-unur tal-familja u l-morali" għandha tidħol il-kelma "sesswali";

(aq) fl-artikolu 382A tiegħu, minnufih wara l-kliem "għal kull ma hemm fis-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ imsemmi" għandhom jiżdiedu l-kliem "u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (8) sa (11) tal-artikolu 412Ċ, it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.";

(ar) l-artikolu 412Ċ tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġej:

"Ordnijiet ta' protezzjoni.

412Ċ. (1) Meta persuna (hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 412D msejħa "l-akkużat") tkun ġiet mixlija jew akkużata b'reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti ta' inkjesta kif ukoll bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tista', kemm *ex officio* jew b'talba ta' xi parti fil-proċedimenti, minħabba f'raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

(2) Fejn ordni ta' protezzjoni jiġi mitlub minn xi parti fil-proċedimenti, tali talba għandha tiġi appuntata għas-smigħ fi żmien sebat ijiem minn meta tkun saret it-talba, sabiex jiġi determinat jekk hemmx biżżejjed evidenza *prima facie* sabiex il-Qorti toħroġ l-ordni ta' protezzjoni.

(3) Qabel ma toħroġ l-ordni, il-Qorti għandha tqis:

(a) il-ħtieġa li tiżgura li l-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni jkunu protetti minn kull dannu jew molestja; u

(b) il-benesseri ta' tfal jew dipendenti oħra li jistgħu jintlaqtu mill-ordni; u

(ċ) il-ħtiġiet ta' akkomodazzjoni tal-persuni kollha li jistgħu jintlaqtu mill-ordni, b'mod partikolari tal-persuna offiża, it-tfal tagħha jew id-dipendenti l-oħra tagħha; u

(d) kull tbatija li tista' tkun kaġunata lill-akkużat jew lil xi persuna oħra minħabba li tkun saret l-ordni; u

(e) jekk l-akkużat ikunx irid jew le li jingħata dak it-trattament li l-Qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq; u

(f) kull materja oħra li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti jidhrilha li tkun relevanti:

Iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-materji li jinsabu fil-paragrafi (a), (b) u (e).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-Qorti għandha toħroġ ordni ta' protezzjoni dejjem f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn, wara li jkun ġie valutat ir-riskju tal-persuna offiża jew ta' persuna relevanti oħra, ikun jidher b'mod ċar li tali persuna tinsab fi grad għoli ta' riskju.

(5) Meta toħroġ ordni ta' protezzjoni, il-Qorti għandha tissottolinja r-rekwiżiti formali ta' tali ordni, u tiddelinja postijiet projbiti u mġiba projbita, skont il-każ.

(6) Meta toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt dan l-artikolu, il-Qorti għandha minnufih tikkomunika tali ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-każ.

(7) Ordni ta' protezzjoni jista' jimponi kull restrizzjoni jew projbizzjoni fuq l-akkużat li jistgħu jidhru lill-Qorti bħala meħtieġa jew mixtieqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jingħata effett lil kull skop imsemmi fis-subartikolu (1).

(8) Bla ma tiġi limitata x-xorta tal-ordnijiet li jistgħu jinħarġu taħt is-subartikolu (1), ordni ta' protezzjoni jista' jagħmel dan li ġej kollu jew xi ħaġa biss minnu:

(a) jipprojbixxi jew jirrestrinġi akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni; jew

(b) jipprojbixxi jew jirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, ġewwa fond fejn il-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni, tkun qiegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; jew

(ċ) jipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża jew lil xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni.

(9) Ordni ta' protezzjoni għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin, speċifikat mill-Qorti, iżda jista' jiġi revokat jew estiż għal perjodi ulterjuri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(10) Kull parti fi proċedimenti li fihom ikun inħareġ ordni taħt dan l-artikolu jew kull individwu ieħor imsemmi fl-ordni, jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti f'kull waqt għall-estensjoni, varjazzjoni jew revoka tal-ordni u wara li l-partijiet kollha jkunu ngħataw l-opportunità li jinstemgħu, il-Qorti għandha, meta tiġi biex tiddetermina jekk testendix, tvarjax jew tirrevokax l-ordni, tqis il-materji speċifikati fis-subartikolu (3).

(11) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(12) Il-Qorti tista' wkoll tordna li kull arma regolari jew arma irregolari, kif imfissra fl-artikolu 64, jiġu depożitati għand ir-reġistratur tal-Qorti.";

(as) minnufih wara l-artikolu 540 tiegħu għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Ordnijiet ta' protezzjoni temporanja.

540A. (1) Meta l-Pulizija Eżekuttiva tirċievi rapport, denunzja jew kwerela li fuqhom għandhom isiru proċeduri kontra persuna, minn persuna jew persuni indikati f'paragrafu (a) tal-artikolu 12 tal-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità, uffiċjal tal-Pulizija għandu minnufih jagħmel valutazzjoni, flimkien ma' ħaddiem soċjali, tar-riskju tal-persuna offiża jew ta' xi individwu ieħor, skont il-każ.

Kap. 539.

(2) Jekk, wara tali valutazzjoni, ikun jidher biċ-ċar li persuna tkun f'riskju serju ta' ħsara, il-Pulizija Eżekuttiva għandha minnufih tagħmel rikors quddiem Maġistrat fejn titlob il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni temporanja fejn tniżżel ir-raġunijiet għalfejn saret din it-talba u tagħti lill-Maġistrat it-tagħrif kollu meħtieġ biex jgħin lill-Maġistrat jiddeċiedi fuq tali talba.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Qabel ma jiddeċiedi jekk tinħariġx l-ordni ta' protezzjoni temporanja, il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal, lill-ħaddiem soċjali, jew lill-persuna li qiegħda tagħmel ir-rapport jew kwerela li qiegħda tagħti t-tagħrif, sabiex tikkonferma taħt ġurament it-tagħrif mgħoddi minnu u l-ordni ta' protezzjoni temporanja għandha tinħareġ hekk kif il-Maġistrat ikun sodisfatt li hemm raġunijiet suffiċjenti għall-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni temporanja:

Iżda tali deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien sitt sigħat minn meta r-rikors ġie rċevut.

(4) F'każ ta' urġenza massima, it-talba għall-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni temporanja u l-ordni ta' protezzjoni temporanja jistgħu jiġu komunikati wkoll b'mezzi elettroniċi:

Iżda l-ordni ta' protezzjoni temporanja oriġinali għandha, kemm jista' jkun malajr, tiġi mgħoddija minħabba raġunijiet ta' żamma ta' provi.

(5) Is-subartikoli (7), (8), (11) u (12) tal-artikolu 412Ċ għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-ordni ta' protezzjoni temporanja maħruġa taħt dan l-artikolu.

(6) Ordni ta' protezzjoni temporanja maħruġa taħt dan l-artikolu għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jiġi determinat jekk għandhomx jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-allegat awtur, iżda tista' tiġi revokata jew estiża għal perjodi itwal ta' żmien jekk tiġi vverifikata l-eżistenza ta' kawża ġusta mill-Pulizija Eżekuttiva jew il-parti offiża.

(7) Hekk kif jiġi determinat li l-ebda proċeduri kriminali m'għandhom jittieħdu kontra l-allegat awtur, il-Pulizija Eżekuttiva għandha minnufih tinforma lill-Maġistrat u titlob ir-revoka tal-ordni ta' protezzjoni temporanja.

(8) L-ordni ta' protezzjoni temporanja għandha taqa' hekk kif tinħareġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ.

(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ordni ta' protezzjoni temporanja" għandu jkollha l-istess tifsira ta' "ordni ta' protezzjoni" taħt l-artikolu 412Ċ.";

(at) l-artikolu 543 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) fl-ewwel proviso għall-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika";

(ii) fit-tieni proviso għall-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "tal-minuri involuti" għandhom jidħlu l-kliem "tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi:

Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi stupru tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.";

(au) l-artikolu 544 tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Każijiet li fihom tinħtieġ il-kwerela tal-privat.

544. Ma jistgħux jinbdew proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata f'każ ta' serq ta' elettriku u reati taħt l-artikolu 326(1)(ċ), (e) u (f).";

(av) fis-subartikolu (4) tal-artikolu 574A tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew akkużatur dwar jekk huwa u l-Avukat Ġenerali" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-parti offiża, jekk ikun il-każ";

(aw) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 603 tiegħu, il-kliem "bil-piena tal-mewt jew" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "bi" u l-kliem "dwar il-paċi u l-unur tal-familja" għandhom jitħassru;

(ax) fl-artikolu 637 tiegħu, minflok il-kliem "taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ." għandhom jidħlu l-kliem "taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:", u minnufih wara għandu jiżdied il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

proviso ġdid li ġej:

"Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja."; u

(ay) l-artikolu 646 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel proviso għas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "x-xhud ikun" għandhom jidħlu l-kliem ", meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda *viva voce* tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun";

(ii) fit-tieni proviso għas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xort'oħra għal xi raġuni li toriġina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tiegħu u l-Qorti tqis li dan ikun fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kxif tas-sewwa" għandhom jitħassru.

Emendi għall-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

25. Il-Kodiċi Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 47 tiegħu, minflok il-kliem "l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid tal-ulied" għandhom jidħlu l-kliem "l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid tal-ulied:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'każijiet fejn hemm evidenza ta' vjolenza domestika, il-Qorti tista' tillimita jew tiċħad l-aċċess għall-ulied jekk tali aċċess iqiegħed lill-ulied jew lill-ġenitur l-ieħor f'riskju.";

(b) l-artikolu 56A tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Esklużjoni tal-kustodja.

56A. Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' separazzjoni u, jew, divorzju, jew meta l-partijiet ikunu separati u, jew, divorzjati, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew b'mozzjoni tagħha stess, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja tal-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda evidenza ta' vjolenza domestika għandha tikkostitwixxi raġuni gravi għall-iskop ta' dan l-artikolu.";

(ċ) l-artikolu 57 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "skont il-liġi." għandhom jidħlu l-kliem "skont il-liġi:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan id-dritt jista' jiġi sospiż jekk l-eżerċizzju tal-istess dritt iqiegħed lill-ulied jew lill-ġenitur l-ieħor f'riskju ta' ħsara.";

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "aċċess għall-ulied." għandhom jidħlu l-kliem "aċċess għall-ulied:", u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda li l-qorti tista' tirrevoka d-dritt għall-aċċess meta l-konjuġi li jingħata tali dritt jonqos milli jeżerċita tali dritt mingħajr raġuni valida.";

(iii) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "lill-missier jew lill-omm" għandhom jidħlu l-kliem "lil kwalunkwe wieħed mill-ġenituri", u minnufih wara l-kliem "għall-ġid tal-istess minur" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew għall-ġid ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri";

(d) l-artikolu 90 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, għall-kliem "tas-setgħa tal-missier" għandhom jidħlu l-kliem "tas-setgħa tal-ġenitur.", u l-kliem "; il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, u f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżeċizzju ta' dawk is-setgħat." għandhom jitħassru;

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, kif emendat, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.";

Kap. 9.

(e) l-artikolu 154 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4);

(ii) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.

(3) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.";

Kap. 9.

(f) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 1045 tiegħu, minflok il-kliem "li dak l-għemil seta' jġib." għandhom jidħlu l-kliem "li dak l-għemil seta' jġib:", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:

Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.";

(g) immedjatament wara subartikolu (8) tal-artikolu 37 għandu jiżdied is-subartikolu ġdid kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll f'kawżi li jirrigwardaw il-manteniment, l-aċċess, u, jew, il-kura u l-kustodja tat-tfal, ukoll meta l-ġenituri ma jkunux miżżewġin.";

(h) f'artikolu 39, minnufih wara l-kliem "firda personali minn konjuġi" għandhom jidħlu l-kliem ", jew kawża illi tirrigwarda l-aċċess, u, jew, il-kura u l-kustodja tat-tfal, meta l-ġenituri ma jkunux miżżewġin,".

Emendi għall-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda. Kap. 108.

26. L-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tal-Iskeda A tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Xhieda li jkollhom anqas minn 18-il sena, kemm-il darba ma jkollhomx professjoni jew negozju"; u

(b) il-partiti 4 u 5 tal-Iskeda Ċ tagħha għandhom jiġu mħassra u l-partita 6 għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-partita 4.

Emendi għall-Att dwar il-Pulizija. Kap. 164.

27. L-Att dwar il-Pulizija għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 36(7) tiegħu, minflok il-kliem "sitt xhur" għandhom jidħlu l-kliem "tnax-il xahar";

(b) minnufih qabel l-artikolu 75 fit-Titolu IV tiegħu, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Proċedura.

74A. Kull vittma li tagħmel kuntatt mal-Pulizija Eżekuttiva għandha minnufih tingħata Ittra tad-Drittijiet tal-Vittma u l-imsemmija vittma għandha tingħata l-opportunità li taqraha u li żżomm dik l-ittra fil-pussess tagħha. L-Ittra tad-Drittijiet tal-Vittma għandha tkun miktuba f'lingwa li l-persuna tifhem:

Iżda meta l-Ittra tad-Drittijiet tal-Vittma ma tkunx disponibbli fil-lingwa xierqa, il-persuna għandha tiġi infurmata bid-drittijiet tagħha b'mod verbali f'lingwa li tifhem u l-Ittra tad-Drittijiet tal-Vittma għandha, sussegwentement u mingħajr ebda dewmien, tingħatalha f'lingwa li hija tifhem."; u

(ċ) is-subartikolu (1) tal-artikolu 55(1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(1) Minuri, vittma ta' delitt kontra l-integrità sesswali tal-persuni, u kull vittma jew xhud ieħor vulnerabbli għandhom jagħtu x-xiehda tagħhom *viva voce* waqt il-proċess permezz ta' trasmissjoni televiżiva kontemporanja.".

Emendi għall-Att dwar il-*Probation*. Kap. 446.

28. L-Att dwar il-*Probation* għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tal-artikolu 24 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu b'nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.".

Emendi għall-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi. Kap. 516.

29. L-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu 27 tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Funzjonijiet tal-Unità għall-Appoġġ lill-Vittmi.

27. Il-funzjonijiet tal-Unità għall-Appoġġ lill-Vittmi għandhom jinkludu:

(a) It-twaqqif ta' Karta tal-Vittmi tal-Kriminalità, li tiġi approvata mill-Ministru, sabiex tirregola l-koordinazzjoni tas-servizzi meħtieġa biex jinqdew il-bżonnijiet tal-vittmi tal-kriminalità, inklużi l-proċeduri kollha li għandhom jiġu mħarsa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità u kull liġi jew politika oħra relevanti; Kap. 539.

(b) li jiġi provdut u amministrat reġistru ta' vittmi skont l-artikolu 28;

(ċ) it-tħejjija ta' lista ta' medjaturi biex jassistu fil-medjazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat;

(d) it-tħejjija, bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta, ta' kodiċi ta' etika, li għandu jiġi osservat mill-medjaturi waqt il-proċeduri tal-medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) it-tħejjija ta' kriterji għall-ħatra ta' medjaturi;

(f) li jiġi faċilitat aċċess aħjar għal medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat permezz tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni, linji gwida u dokumentazzjoni relatata;

(g) il-promozzjoni ta' medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat bħala mezz ta' riparazzjoni kemm għall-vittma kif ukoll għal min wettaq ir-reat f'kull stadju tal-proċess ta' ġustizzja kriminali;

(h) it-tħejjija u l-pubblikazzjoni ta' rapport annwali fuq il-progress tal-Unità għall-Appoġġ tal-Vittmi, li għandu jinkludi:

(i) in-numru tal-proċessi ta' medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat u r-riżultati tagħhom matul dik is-sena; u

(ii) kull ħaġa oħra, li tiġi meqjusa xierqa li tiġi inkluża fir-rapport, ħlief kwistjonijiet amministrattivi;

(i) il-kollaborazzjoni ma' xi organizzazzjoni volontarja dwar appoġġ għal vittmi, kif l-Unità għall-Appoġġ tal-Vittmi tista' tqis li jkun xieraq; u

(j) it-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu assenjati lill-Unità għall-Appoġġ lill-Vittmi permezz ta' dan l-Att jew xi liġi oħra, jew permezz ta' regolamenti li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu preskritti mill-Ministru."; u

(b) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 30 tiegħu, minnufih wara l-kliem "fuq il-mertu tiegħu" għandhom jiżdiedu l-kliem "hekk iżda li delitti li jitnisslu minn atti li jikkostitwixxu vjolenza abbażi tal-ġeneru jew vjolenza domestika m'għandhomx jitqiesu bħala adegwati għal medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat".

Emendi għall-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità. Kap. 539.

30. L-Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'artikolu 2, minnufih wara l-paragrafu (b) tat-tifsira tal-kelma "vittma" għandu jiżdied il-paragrafu (ċ) kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(ċ) minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza.";

(b) l-artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Għoti ta' għajnuna legali lill-vittmi. Kap. 9.

10. Meta vittma tixtieq tuża l-benefiċċju tal-għajnuna legali, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 570 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis:*

Iżda għall-fini ta' tali proċeduri, kull referenza f'dawk id-dispożizzjonijiet għall-akkużat għandha titqies bħala referenza għall-vittma."; u

(ċ) minnufih wara l-artikolu 14 għandu jidħol dan l-artikolu ġdid kif ġej:

"Ħatra ta' persuna ta' sostenn waqt proċedimenti.

Kap. 12.

14A. (1) Fejn il-vittma tkun minorenni, il-Qorti għandha, jew fuq talba tal-prosekuzzjoni jew wara rikors minn xi persuna, taħtar persuna ta' sostenn, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, sabiex tassisti l-minorenni kemm waqt il-proċedimenti ġudizzjarji, kif ukoll għal perjodu ta' żmien addattat wara l-konklużjoni ta' tali proċedimenti, skont il-każ:

Iżda fl-assenza ta' tali talba l-Qorti tista' tordna tali ħatra *ex officio*:

Iżda wkoll illi l-Qorti, fil-ħatra tal-persuna ta' sostenn, għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-ġeneru tal-minuri.

(2) Għall-iskopijiet ta' dan l-artikolu, it-terminu "persuna ta' sostenn" għandu jirreferi għal esperti f'affarijiet tal-familja u l-minuri.

(3) Id-dmirijiet tal-persuna ta' sostenn għandhom jinkludu, *inter alia*:

(a) l-iggwidar u l-assistenza tal-minorenni, b'mod sensittiv, waqt il-proċedimenti ġudizzjarji, kif ukoll wara l-konklużjoni tagħhom, skont il-bżonn;

(b) is-sostenn emozzjonali lill-minorenni;

(ċ) l-għoti ta' parir lill-Qorti dwar il-bżonn ta' *counselling* jew terapija, kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji;

(d) kuntatt mal-ġenituri jew tuturi legali, membri tal-familja, u avukat tal-minorenni, skont il-każ;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) l-għoti ta' informazzjoni lill-minorenni dwar il-proċedimenti ġudizzjarji u jiddiskuti mal-minorenni b'mod sensittiv ir-rwol tal-istess minorenni fil-proċedimenti;

(f) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' protezzjoni kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji;

(g) monitoraġġ tal-aderenza mal-ordnijiet tal-Qorti mill-awturi tar-reat wara l-konklużjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji;

(h) monitoraġġ tar-relazzjoni bejn il-minorenni u l-awturi tar-reat kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji, skont il-każ;

(i) kuntatt mal-aġenziji relevanti u, jew professjonisti sabiex jassigura illi l-*counselling* jew trattamenti neċessarji huma pprovduti, skont il-każ;

(j) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' xi miżuri speċjali fl-aħjar interess tal-minuri, skont il-każ.".

Emendi għall-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess. Kap. 540.

31. L-artikolu 14 tal-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2), (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3), (4), (5) u (6) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Prattikanti mediċi jew professjonisti oħra li jiksru dan l-artikolu jeħlu, meta jinsabu ħatja, il-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn ħames snin, jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għoxrin elf euro (€20,000).".

Emenda għar-Regolamenti dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità. L.S. 9.12

32. Fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità, it-tifsira "delitt volontarju bi vjolenza" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "delitt volontarju bi vjolenza" tfisser att li jikkostitwixxi delitt imsemmi fl-artikoli 197, 198, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 204D, 205, 207 tal-Kodiċi Kriminali; id-delitti msemmija fl-artikoli 211 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, meta jitwettqu b'xi mezz imsemmi fl-artikoli 217, 218, 312, 314A(2), 314B(2) tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kodiċi Kriminali; id-delitti msemmija fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll id-delitti msemmija fl-artikoli 251BA, 251E, 314ĊB(1) u (2) tal-imsemmi Kodiċi; u d-delitti msemmija fl-artikoli 316 u 317 tal-imsemmi Kodiċi meta, bħala riżultat tat-twettiq tagħhom, persuna tmut jew iġġarrab offiża gravi fuq il-persuna.".

Emendi għar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Famija), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja). L.S. 12.20.

33. Ir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Famija), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (5) tal-artikolu 3 għandhom jidħlu l-paragrafi li ġejjin:

"(6) Il-Ministru għandu skont l-artikolu 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jaħtar lista ta' esperti fl-affarijiet tal-familja u minorenni (hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa persuni ta' sostenn) li jkunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kwalitajiet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lill-persuni ta' sostenn, liema lista tkun magħmula mill-persuni kwalifikati kif hawn qabel imsemmi u li jkunu maħtura mill-Qorti abbażi ta' *roster* sabiex jagħmluha ta' persuni ta' sostenn f'xi każ partikolari.

(7) Id-dmirijiet tal-persuna ta' sostenn għandhom jinkludu, *inter alia*:

(a) l-iggwidar u l-assistenza tal-minorenni, b'mod sensittiv, waqt il-proċedimenti ġudizzjarji, kif ukoll wara l-konklużjoni tagħhom, skont il-bżonn;

(b) is-sostenn emozzjonali lill-minorenni;

(ċ) l-għoti ta' parir lill-Qorti dwar il-bżonn ta' *counselling* jew terapija, kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji;

(d) kuntatt mal-ġenituri jew tuturi legali, membri tal-familja, u avukat tal-minorenni, skont il-każ;

(e) l-għoti ta' informazzjoni lill-minorenni dwar il-proċedimenti ġudizzjarji u r-rwol tal-istess minorenni fil-proċedimenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' protezzjoni kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji skont il-każ;

(g) monitoraġġ tal-aderenza mal-ordnijiet tal-Qorti mill-awturi tar-reat wara l-konklużjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji;

(h) monitoraġġ tar-relazzjoni bejn il-minorenni u l-awturi tar-reat kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji, skont il-każ;

(i) kuntatt mal-aġenziji relevanti u, jew professjonisti sabiex jassigura illi l-*counselling* jew trattamenti neċessarji huma pprovduti, skont il-każ;

(j) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' xi miżuri speċjali fl-aħjar interess tal-minuri, skont il-każ.";

(b) fis-subregolament (3) tar-regolament 4 tagħhom, minflok il-kliem "l-interessi tat-tfal taħt l-età tal-partijiet." għandhom jidħlu l-kliem "l-interessi tat-tfal taħt l-età tal-partijiet:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn l-ittra msemmija f'dan ir-regolament 4 hija akkumpanjata b'evidenza li tissostanzja każ ta' vjolenza domestika, il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiemha sabiex tiddetermina jekk il-medjazzjoni hijiex fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet.";

(ċ) ir-regolamenti 8 sa 14 tagħhom għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 9 sa 15 rispettivament; u

(d) minnufih wara r-regolament 7 tagħhom għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Vjolenza domestika waqt proċeduri ta' medjazzjoni.

8. Fejn, matul il-proċeduri ta' medjazzjoni, il-medjatur isir jaf bi, jew ikollu raġuni biex jissuspetta l-okkorrenza ta' vjolenza domestika, il-medjatur għandu minnufih jinforma l-Imħallef bil-kitba f'dan is-sens.".

34. Fl-artikolu 32 tal-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-kliem "multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u

Emenda għall-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kap.452.

VERŻJONI ELETTRONIKA

dik il-priġunerija flimkien" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) jew dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.".

Emenda għall-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili. Kap. 530.

35. Fl-artikolu 11 tal-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili, il-kliem "jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda persuni li jkunu bdew il-proċeduri meħtieġa sabiex jidħlu f'unjoni ċivili ma' xulxin qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, u jidħlu fl-istess unjoni ċivili qabel l-ewwel ġurnata ta' Diċembru 2017, jistgħu wkoll jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ skont dan l-artikolu.".

Emenda għall-Att dwar il-Koabitazzjoni. Kap. 571.

36. Immedjatament wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 40 tal-Att dwar il-Koabitazzjoni għandu jidħol is-subartikolu ġdid kif ġej:

Kap. 16.

"(4) L-artikoli 37 u 39 tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull talba ta' azzjoni skont dan l-Att, salv dik l-azzjoni kkontemplata fl-artikolu 17.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 105 tal-25 ta' April, 2018.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati